№122

# COTBA BIL MALTI

STAMPATI U JIMBIGHU

GHAND

# L' AHUA BONELLO

In-Nisrani geuua il Cnisia

It-Triek tal genna

Il Hajia tal Kaddisin V. M.

Gesù Cristu fid-digna

Ix-Xahar ta Meiju

Il Haija tal Papa Pio IX

Il Haija ta Anna Maria Taigi

Il Haija tal Martiri Giapponisi

Taghlim ghal min irid isalva ruho
mictub min S. Alfonsu Maria de' Liguori.

It thejia ghal meut
mictuba min S. Alfonsu Maria de' Liguori.

Storia Sacra bil Malti (ta A. Preca)

Storia ta Malta (ta Dr. G. A. Vassallo)

Bertoldu bil Malti

Hrejjef u Ciait bil Malti.

Camilleri, Raccolta di Arie e Canzoni maltes

12:2
F. A. Caruana

# GESÙ CRISTU

# FID-DIGNA



ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

**MALTA**
**Tipografia Fratelli Bonello**
**1861.**

# GHELMTEIN KABEL NIBDEU

Ma hemx Nisrani fid-digna, illi ma jafx il uisk mil ħaija 'mkadsa tal Iben t' Alla, sìdna Gesù Cristu; u għalhech f' edan il ctieb ma nitħattux fuk xi ħueijeg, illi colħatt jafhom. Jista icun imma illi m' ux colħatt jaf seuua, chif imissu, it-tagħlìm imkaddes ta G. Cristu; u chiecu chien ucoll jafu colħatt, deijem aħiar u xierak illi uieħed kuddiem għaineiħ iżommu, sabiex f'edaca collu jiftacar, illi G. Cristu, għal gìd tad-digna, kàl, għallem, u għamel; biex, min edin il ħaija tal erba' tijem, jista il bniedem jitma ill' imur igaudi 'l ħaija ta deijem.

U int, o Nisrani, illi tieħu dan il ctieb fi ideich, arfa għaineich lein is-Sema, u għeid: "O Muleija, agħmel inti, ghal ħniena tighac, illi jena nimxi deijem, ħaiti collha, fit-triek illi dàn il ctieb juri lili; sabiex minnha imbagħad jena, chif nemmen u nitma b'kalbi collha, nigi nara u 'ngaudi ghala deijem Lilech. Hech, o Muleija, icun!"

---

Kabel ma chien stampàt dan il ctieb, u-reiniħ (mictub) lil xi kassisin għurrief; għogiobom. Għaldaksecch, l' Iskof maħbùb taghna, uara li tlabniħ, tàna, bona grazia tighu, li nistgħu nistampauħ.

---

# I.

## S. Giuann-Magħmudia ta G. Cristu

## Tagħlim tigħu-G'miel tal Ligi Nisrania

## Il Carità-It-Talb l'Alla-Fuk l'ichel, ixxorb, il lbies-Drauua ta gisem il bniedem.

" Jistama leħen—kàl il profeta Isaia—Jistama leħen fid-deżert, igħeid u igħaijat: " Uittu, Uittu it-triek għal Muleina, għal Sìdna. "

Ingibu kuddiem għaineina ragel fkaijar, liebes il gild collu, gismu fl'art, imma ħsiebu u ruħu fis-sema ; nisimgħuh jitchellem : x'ke'd igheid? ke'd igheid dàc li ħabbar Isaia : " Uittu, Uittu it-triek, għaliex Sidna gei." Dac ir-ragel chien S. Giuann Battista.

Għal cliem ħelu ta S. Giuann, għal kdusitu, bedgħet in-nies tficciu, tersak leiħ, titlob ħniena. S. Giuann jitħaddet fuk is-

seuua t'Alla, u ighammed in-nies fix-mara tal Giurdan. "Imma—ighedilom—il maghmudia tighi xein ma tisua, xein ma tghodd, jech ma icunx ghalicom edac illi gei uraija bla ma idùm; jena hdeih ma jena xein; hùa irid icun, ghaliex hu collox."

Colhatt jara li S. Giuann tchellem min Cristu; u Cristu mar èmm bla ma dàm. Hecch chif uasal, talab lil S. Giuann ighamdu. "O Muleija—kallu S. Giuann—u jena x'jen biex inghammed lilech? ma jisthokklix dàna." uiegeb Cristu: "Hechda jahtieg icun." S. Giuann ghamdu. Hecch chif G. Cristu tghammed fl' isem ta missieru Alla, niżel fuku mis-sema li Spiritu Santu. Màr imbaghad fid-deżert, u sàm ghal erbghin giurnata. Ma satax id-demóniu jahmel hueijeġ hecda sbih u mkaddsa; beda jittanta lil G. Cristu fuk bosta hueijeġ, imma ghalxein, ghax Cristu chien Bniedem u Alla, u ghalecch ma chien jista jaka fl'ebda htìa. Beda imbaghad G. Cristu jiftah fommu man-nies, il ktaija ktaija iduru mighu: beda ighallem,

u l' euuel tagħlima chienet fuk muntagna. Nisimgħu xi ħagia minnha.

"Uliedi, Cristu kàl, edauca collha, li jinsabu f'xi taħbit, f'xi nichet, f'xi nukkas ta xi ħagia ma għandomx, le, jaktgħu klubom; għaliex jech uma jitimgħu f' Alla, icunu imsabbrin. Icunu'mhennijìn ucoll dauca collha ta kalbom taiba, u ta kalbom safia.

"Tagħmlux, uliedi, u lankas tixtieku ħueijeg li ma jixirkux: il ħueijeg collha, li jixirku, u dauc li ma jixirkux, intom tafuhom.

"Jech għainech tiġbdech għal xi dnùb, aklaħħa; għax aħiar titlef għainech biss, inchella gismech collu, u ruħech flimchien.

"La taħilfux, la fil falz u la għal xein. Il cliem tagħcom għandu icun: Iva, iva; Le, le. Culma iżżidu fuk edaun il chelmiet, icun gei mil ħażen.

"Xi ħatt kàl—Ati billi tieħu. Imma jen ingħedilcom: Sòfru. Min tàc dakka ta ħarta, la tatiħx oħra; u la tiggieldu katt.

"Kalulcom ucoll illi tħobbu il proxxmu tagħcom u li tobogħdu l' egħdeuua. Jena

ingħedilcom; Hobbu lil collħatt, lil egħdeu-ua ucoll; u lil min jisħitcom, biercu ħ; u lil mìn jagħmlilcom id-deni, itolbu għaliħ. Hecch irìd Missieri Alla, li hu Missiercom Jech tħobbu biss lil mìn iħobbcom, x' mertu icolcom? Da' jagħmlu collħatt. Hobbu immela ucoll lil min jobgħodcom, sabiex tcunu perfetti pħal Missieri u Missiercom Alla."

Naħsbu mument fuk di'l'aħħar tagħlima. A rau il-Ligi ta Cristu chemm ì ogħla u i-sbaħ mil Ligièt l' oħra colla. Daun igħenu-lech: "Lil ghadu tigħac obogħdu, u oktlu; "Cristu igħeidlech: "Lil għadu tigħac ħob-bu, u agħmillu il gìd." Jaħtieġlech tgħeid, o nisrani, li daun it-tuissièt ma satax jagħ-milom, daun il ħueijeg ma satax igħallimom ħlief l' Iben t' Alla.

Nieħdu ucoll, u nirringraziau l'Alla, daun it-taghlimiet l'oħra ta G. Cristu.

"La tiggiudicau ħażìn lil ħatt, biex ma tcunux intom ucoll iggiudicati: bix-xiber li tkìsu il ħattiħor, ħattiħor ikìs lilcom. Tħa-

rix lein it-tibna li uieħed għandu f'għainu, bla ma tara it-travu l'int għandech f' għainech, pħal ma jagħmlu in-nies il foloż, innies l'iridu juru tieba, u tieba ma icollomx. Akla leuuel it-travu min għainech.

"Itolbu (l'Alla) u takilgħu; ficciu u issibu; ħabbtu il bieb, u 'l bieb jinfetaħ. Hau xi ħatt fostcom, avvoglia ħżiena, illi, jech ibnu jitolbu biccia ħobż, jatiħ biccia ħaġra? aħsbu mela x'jaticom Missieri u Missiercom Alla, li hu fis-smeuiet.

"Agħmlu ma ħattieħor chif tridu li ħattieħor jagħmel magħcom: din ì il-Ligi.

"Afu, uliedi, illi 'l bieb tas-sema deijak, u ftit nies igħaddu minnu; uasa tal infern. Aħirbu min-nies foloż; aħirbu mil lupi michsia b' gild il ħrief. Emm sigiar taiba, u emm sigiar ħżiena: mil frott taħħom tagħrafom; il ħżiena għal ħatab u in-nar.

"Cunu afu, uliedi, illi m'ùx collmìn jitlob lili, jidħol fir-regnu tas-Sema; jidħlu dauc biss, ill' icunu għaxu u għamlu chif irid Missieri.

"Collmin sama u jisma da' 'l cliem tigħi, u ma jokgħodx għaliħ, icun migħnun."

Stagħġbu, u m'ùx ftit, b' edan il għerf, b' edan il ġmiel, b' edin il kdusia, dauc in-nies collha li chienu jisimgħu: u chif ma chellomx jistagħġbu dauch in-nies? stagħġeb ucoll it-tràb u 'l gebel.

Kàl ucoll Sidna Gesù Cristu: "Meta tagħmlu xi carità, tatu xi ħagia lil fokra, tagħmluhiex f'uicc in-nies, biex edauna ifaħħrucom; lad-dokkux it-tromba fuk xi gìd li tagħmlu; għax jech tagħmlu hecch, il meritu tagħcom jintilef collu kuddiem Alla. Meta tatu xi ħagia lil fokra, kìsu l' ix-xellughia lankas tcun taf edac li għamlet il-lemenia.

"Meta imbagħad titolbu l' Alla, l'orazioniet tagħcom għandom icunu bil quiet; tagħmlux pħan-nies foloż, ill' iridu juru li kegħdin jitolbu, biex id-digna tgheid. chem uma nies taiba."

Cristu, uara dana, għallem lil populu l'isbaħ talba li jista jagħmel in-nisrani: u

chif lè, jech għallimielna Gesù Cristu stess? Din it-talba hia il *Pater Noster*. Tħaddet fuk is-saum: għanna insumu bil ferħ, m'ux bid-dieka ta kalb. Kàl ucoll ill' il bniedem ma għandux ifittex zeijed fuk dauc li huma commodi u żina tal gisem; fuk ichel, xorb u lbies. Uissiena ucoll Gesù Cristu, illi ma incunux irgħàb fil ħueìjeg tad-digna, fil gìd li jisua bis għal gisem, għaliex fid-digna xein m'ù sigur, u collox jintemm; għandna inficciu gìd u tesori li jisueu għas-sema, fein collox jibka sħiħ u għala deijem.

Ingħeidu chelma fuk l'aħħar tuissiet ta Cristu. Ichel, xorb, ilbies: ħueijeg li jitlobom il gisem n colljum. Il gisem jitlob, tasseuua, imma la igħeidlech il chemm u la 'l chìf. Atiħ li trìd, biss chemm iżżommu uiekaf, u hu jokgħod. Il gisem (kàl uieħed għaref) tifel, u it-tifel chif iddarriħ. Nistħu u nibżgħu inżidu cliem fuk il cliem ta Cristu; ma int, li kèd takra, icconsidera collox.

## II.

### G. Cristu ifeijak il morda-Ikaijem mil meut-Dac li kàl Isaia fuku- L'Apostli Cliem ta G. Cristu fuk S. Giuan-Il meut ta dana 'l Kaddis.

Uara dan it-tagħlìm, Cristu niżel mil muntagna b'uraiħ il pòplu. Hecch chif niżel, giè kuddiemu ragel imgiddem; xteħet f'riġleiħ, u kallu: O Muleja, inti, jech trìd, tista tfeijakni." Cristu medd idu fuku, u: "irrìd"—kallu—Mal messa feiku. Màr imbagħad Cristu fil belt ta Cafarna; giè fuku signur u kallu: "Muleja, għandi is-seftur bil marda li ma jistax jitkankal, u muaggia uisk." Cristu kallu: "Jen nigi u 'nfeiku." Ragia kàl dac: "Muleja, ma jistħokklix illi inti tidħol taħt is-sakaf tigħi; tchellem biss chelma, u 's-seftur icun imfeijak." "Mùr —kallu Cristu—int issib li sàr chif ke'd tgħeid." Feijak imbagħad bosta nies mir

mardièt oħra, chìf ucoll ingienen. M'ùx dana biss: Cristu kaijem ucoll meitìn. Nisimgħu. Giè fuku il càp tas-sinagoga ( il cnisia tal Lhud ), u collu mbicchi kallu: "Mietitli tifla da 'l mument; eija int kigħed ideich fuka! binti targia tgħix." Cristu màr; u chìf daħal, sàb emm ħafna nies. "Tuarbu ftit—kalilom—it-tifla m' ix meita, riekda." Daħcu il boloħ· Cristu resak feina, messila ida; kamet. Meta rau daun il miraculi, ma daħcux iżied; imma il kassisin tal Lhud bdeu jobogħduħ għax għàru għalìħ; bdeu igħeidu fuku, u imakdruħ fuk collox, il chefrìa! Rauħ darba ma xi nies li chienu miżmumin b' nies ħżiena, u stagħġbu. Imma Cristu kalilom: "Għal morda it-tabìb." Fehmuħ. Chien feijak ucoll mid-deni l'omm il mara ta San Pietru, u uisk morda oħra. Daun il ħueijeg saru, biex iseħħ dac li chien kàl Isaia: u Hua (Cristu) jeħu fuk spalleiħ il mart tagħna collu." Imma, l'acbar mart, tar-rùħ; u min dana G Cristu feijakna bil meut tigħu.

Għamel Gesù Cristu, chìf nafu taijeb, tnax l'Apostlu, u dauna chienu: S. Pietru, u S. Andria, aħua (ma chienux għadom kaddisìn, imma x'importa? aħna ngħeidu *San* mil l'euuel) S. Giacbu u S. Giuann (l'evangelista), aħua ucoll; S. Filippu; S Bartolmeu; S. Tumas; S. Matteu; S. Giacbu (iħor); S. Taddeu; S. Xmùn, u (nħalluħ għall aħħar) Giuda, dac l'imbagħad għamel dàc li għamel. Il chelma *Apostli* (bil griech) igifieri *Mibghutìn*: uma difatti geu mibgħutin min Cristu sabiex ixerdu il-Ligi 'mkaddsa tigħu mad-digna. Cristu imbagħat màr fi bliet oħra tal Galilea; u colfein jekaf, igħallem, jiġbet in-nies għal migħu, ifeijak il morda, jagħmel miracli. Il għurrief u'l kassisin tal Lhub collumchien jittantauħ, jiddisputau, jeħduha migħu fuk il Ligi; imma Hu jirbħilom collumchien u deijem. Chelmuħ uħud fuk S. Giuann il Battista: sakseuħ cliemu huuiex sħiħ, u jech ùx profeta. Cristu uiegeb: "S. Giuann profeta, u actar min prefeta. Fost chemm tuieldu

bniedmin fid-digna, ma hemx bniedem icbar min S. Giuann; fl'art imma, għaliex l'inkas uieħed li hemm fis-sema, icbar minnu."

Cbìr, l'acbar uieħed fl'art; u chìf chellu jintemm dan il bniedem kaddis, li hechda faħru l'istess Gesù Cristu? Il bichi jigina, kabel il cliem, meta niftacru fil meut tiegħu; ingħeidu u nolfku.

Erodi, re chiefer, u Erodìa, regina actar chiefra u ħażina, chienu joboghduħ uisk lil S. Giuann; għaliex dana, (illi ma chienx jaħmel il ħueijeg li m'umiex seuua) darba tala kuddiem ir-re, u bla xein ma baża kallu: "Int, o Sire, m'entix tgħix chìf titlob il Ligi: Erodìa m'ix martech chìf irid Alla." Nàr saret Erodìa għal S. Giuann, u riedet li Erodi joktlu; imma dana, għad li chien ucoll jobogħdu, ma riedx joktlu, billi chien èmm uisk l'iħobbuħ; forsi baża mil poplu; żammu biss calzrat fid-dlàm. Giet li Erodi għalak sninu, u għamel stedina, dich il giurnata, lil cbarat colla. Uara il meida, it-tifla ta Erodìa bdiet tisfen, u żifnet tant

taijeb, li collħatt ħabbtila ideiħ. Erodi, bil piacir li ħa, kalla : "Itlobni grazia li trìd : jena, chelma ta re, naghmilielech" Ommha chelmitha f'uidinta, u it-tifla kalet lil Erodi: "Jena irrìd, o Sire, li tatini geuua platt ràs Giuann." Erodi, billi chien taha chelma ta re kuddiem il cbarat colla, ma riedx jonkos minnha ; u, f' chemm ilna ngħeidu, ràs il kaddis, ràs l'acbar bniedem tad-digna, giet fis-sala, geuua platt tal fidda. It-tifla tifla ; imma x' infern èmm għal dich il ħatba t'omma!

Egħleu, u m'ùx ftit egħleu il ħbieb (imgħamda) ta S. Giuann fuk il meut chiefra tigħu. Cristu semaħħa ucoll l'aħbar (chien jafa kabel); ma bakax iżda għal dana li ma igħallimx chìf chien, li ma jitchellimx chìf kabel, li ma jurix u igħeid edaca collu li Lhud ma chienux jagħmlu seuua scond il-Ligi t'Alla. Lankas l' Apostli, minħabba fil meut ta S. Giuann, katgħu kalbhom.

## III.

### Il Parabola taz-zrih- Il miraclu tal hobz u 'l hùt- G. Cristu jimxi f'uicc il bahar Biza ta S. Pietru- G. Cristu f'Genesaret u fi bliet ohra-Iaghmel lil S. Pietru càp tal Cnisia.

Nisimghu xi cliem ihor ta Gesù Cristu, u xi tixbiha, li fl'Evangeliu mkaddes tinsieh *Parabola.*

Chien darba in-naha ta xatt il bahar, u il pòplu dàr mighu folla cbira. G.Cristu, sabiex colhatt jarah ahiar u jisimghu, ha tala fuk id-dghaisa tal Apostli ( nafu li chienu saijeda ), u beda jitchellem min fuka.

Kàl, dich inhar, G. Cristu lil pòplu.

"Ragel hareg jiżra. Hua u jiżra, xi ftit màrlu tùl it-triek, u l'aghsafar cheluh.

"Xi ftit màrlu fein chien emm iż-żrar, u trab chien emm ftit. Da'nibet, ma chellux imma sahha li jicber; nixef.

"Xi ftit iehor màrlu kalb ix-xeuch ; ix-xeuch chiber mighu; ghattieh u fgah.

"Biccia oħra imbagħad miż-żerrigħa marret fuk art taiba, u tàt seuua.

"Issa min għandu uidnein biex jisma, jismagħni."

Xi tfisser di' 'l parabola? Cristu stess fissirielna. Iż-żriħ fit-triek: meta uieħed jisma il chelma t'Alla bla ma jifimha. Iż-żriħ fein e.nm tràb ftit: meta uieħed jeħu il chelma t' Alla bil ferħ, imma fiħ masseħx. Iż-żriħ kalb ix-xeuch: meta uieħed jisma il chelma t' Alla; imma l' imħabba tad-digna, tal gìd, tal flùs, tifgahielu; u hecch icun semaħħa għalxein. Il miżruħ imbagħad fl'art taiba: meta bniedem jisma il chelma t' Alla, jifimha, u jokghod għaliha. Dac iż-żriħ, lil mìn iżied lil mìn inkas, jati.

Kalilom ucoll G. Cristu parabola oħra.

"Is-saltna tas-smeuiet tixbaħ lil uieħed, illi fil kasam tigħu żara żerrigħa taiba.

"Imma fil uakt illi 'l ħaddiema tigħu chienu rekdìn, giè min jobogħdu, giè għadu tigħu, żara is-sicrana fost il kamħ, u màr.

"Nibtet mal kamħ is-sicrana ucoll. Innies tax-xogħol ġreu kàlu lil sìd il kasam: "Signur, inti ma żraitx żerrigħa taiba? u is-sicrana mnein?

"Kalilom: "Xi għadu tighi għamilli dàn." Reġgħu kalulu: "Tridx jeuilla immorru u nigimgħuha?"

"Lè—uiegibom—għax forsi intom u tigimgħu is-sicrana, takilgħu maħħa il kamħ ucoll. Hallu jicber collox sa żmien il ħsàd; u żmien il ħsàd, jen ingħeid lil ħassada: Igimgħu leuuel is-sicrana, u orbtuha katet katet għal ħruk; imbagħat igimgħu 'l kamħ u aħżnuħ."

Mill' euuel nifmuha dì 'l parabola. Alla l'imbierech iħalli igħixu it-taibìn u 'l ħżiena: għal ħsàd imbagħad narau.

Il miracli tal feikien u ta ħueijeg oħra bakgħu isiru min Gesù Cristu; imma cbar uisk chienu uħud minnom, miracli, illi bil fors rasu jebsa u kalbu ħażina ried icollu, culmin ma emminx illi G. Cristu chien tasseuua l'Iben t' Alla. Insemmu hau xi mi-

racli, illi bosta drabi smainihom ucoll fil cneijes; imma actar ma tismaħħom, actar jogħġbuc.

Chien darba Cristu igħallem lil poplu f' xagħra muarba, u 'l ħin chien għamel. Iddixxipli kalulu: Muleina, m' ux aħiar tibgħatom lil dan-nies, biex colħat jiġbet għal pajisu, u jixtri x'jecol? Cristu uiegeb: "Ma èmx bżon imorru; atuhom jèclu intom." "Aħna—kalulu—ma għandniex ħlief ħames ħobżiet u żeuġ ħutiet." "Gibuhomli" kalilom—Ha f' ideiħ il ħobż u 'l ħùt, rafa uicciu lein is-sema, talab l'Alla. Beda imbagħd ibierech u jichser il ħobż, jati 'l chisriet lid-dixipli, dauna lil poplu: ħames telef ruħ, barra min-nisa u it-tfal. Chiel, għal ħniena t'Alla, u xaba culħatt; u fadlu tnax il koffa lokom.

Uara dana, G. Cristu bierech lin-nies; u bagħatom; hua màr jitlob l'Alla fuk muntagna, uaħdu, għaliex lid-dixxipli bagħatom fuk id-dgħaisa.

Chien kàm riħ kauui li ħabbatom.

Uara biccia leil, Cristu niżel mil muntagna, u gibet għad-dgħaisa. Il baħar ma żammlux riġleiħ; baka jimxi, pħal chiecu fuk l'art, fuk il meuġ. Tħaudu meta lemħuħ id-dixxipli, u kalu: "Dana fatàt." Imma Cristu chellimom: "Jena, jen—kalilom—la tibżgħu xein."

S. Pietru irrispondieħ u kallu: "Jecch inti int, agħmel li jena nigi ħdeich fuk uicc l'ilma." u Cristu kallu: "Eija".

S. Pietru niżel mid-dgħaisa u beda jimxi fuk uicc il baħar; imma żiffa riħ beżżgħitu, u beda jinżel u igħaijad: "Salvani, Muleija, salvani"! Cristu mett ìdu, żammu, u kallu: "O bniedem ta fidi żgħira, il għala bżait?"

Chìf telgħu fuk id-dgħaisa, ir-riħ rakad; u xteħtu il coll b' uicciom fl' art kuddiemu jadurauħ. Gibdu imbagħad għal xatt iħor, u geu fl'art ta Genesaret. In-nies ta dina l'art, malli għarfuħ, bagħtu igħeidu ma collumchien; jiġru għal uraiħ; iresskulu il morda, u beatu mìn jista jilħakk imisslu tarf min ħueigiu.

Uara li f' Genesaret chien għamel uisk taħditiet mal għurrief u 'l kassisin tal Lhud, gibet mad-dixxipli għannaħat il bliet ta Tiro u Sidone ( Saida ), fein għamel miracli giodod fuk il morda. Uasal sax-xtùt tal Galilea, u emm fuk muntagua, gedded il miraclu tal ħobż u 'l ħut, billi b'seba ħobżiet u ftit ħùt irkiek xabba migimgħa t'erba' telef ruħ, barra min-nisa u it-tfal, u bakgħu ġuielak lokom.

Marru min emm, bil baħar, fit-trùf ta Maddalá, belt oħra, żgħira. Reġgħu hau xi prusuntusi attaccauħ fuk ħueijeġ tal Ligi, imma hua bi cliemu ħammrilom uicciom. Min din il belt marru f'Cesaria, belt acbar u isbaħ. Tagħlìm, miracli, nies giodod għal Ligi 'l ġdida, sicuit u collumchien. G. Cristu għamel auna lid-dixxipli tigħu di 'l mistoksia ; "Min igħeidu illi jen ? " kalulu : "Uħud igħeidu l'inti Giuann il Battista; oħrain igħeidu l'inti 'l profeta Elia , oħrain Geremia; oħrain x' iħor mil profeti :" Ragia kalilom hu: "U intom, intom min tgħei-

du illi jena ?" kabes S. Pietru: "Inti Cristu, l'Iben t'Alla." Uiegeb Gesù: Beatu int, o Pietru! M' ùx minnech tafa din il ħagia, imma nebħech fuka Missieri Alla, li jinsàb fis-smeuiet. U jena ngħeidlech, o Pietru, illi fukech nibni il Cnisia tigħi, Cnisia, li l'infern ma icnn jista katt għaliha. U natich l'imfietaħ tas-Saltna tas-Smeuiet; u collma torbot Inti fl' art, icun marbut fis-Sema; u collma tħoll Inti fl' art, icun maħlul ucoll fis-Sema".*

* Min daun il chelmiet ta G. Cristu bdeu il Papiet. S. Pietru (jaf colħatt) l' euuel uieħed. Min S. Pietru sa Piu IX (li Alla iseddak!) il Cnisia imkaddsa tgħodd mitein u sitta u ħamsin Papa.

## IV.

**G. Cristu fuk il muntagna tat-Tabor**

**Cliem Alla-G. Cristu jithaddet fuk l'umiltà**

**L' iscandli-Il parabola tan-naghgia**

**mitlufa-Chif ghandna nahfru lil xulxin**

**Parabola fuk il mahfra-Il fokra**

**Epuluni u Lazzru.**

Tala darba Gesù Cristu fuk il muntagna tat-Tabor, u ħa migħu lil S. Pietru, u lil S. Giuann (l'apostlu evangelista) u S. Giacbu, aħua. Meta telgħu fuk il muntagna, dauna rau il Cristu f' mument uieħed jitbiddel; uicciu sar xemx, ilbiesu fidda. Chìf chien jinsab hecch, dehru Mosè u Elia, u bdeu jitħattu migħu fuk li chellu jiġrilu f' Gerusalemm. S. Pietru imgħaggeb collu b'edac il ġmiel u id-dia, kal lil Cristu: "O Muleija, uh chemm chien icùn taijeb li conna nibkgħu nokogħdu haun!" chìf chien igħeid da' 'l cliem dehret sħaba tiddi fis-sema li għattietom, u stama leħen igħeid: "Edana

hua l' Iben maħbùb tigħi, li bìħ tithenna kalbi: isimgħu il cliem tigħu." It-tliet Apostli meta semgħu dana, uakgħu uicciom fl' art u triegħdu; imma Cristu kalilom: "Kùmu, la tibżgħux." Kàmu, u ma raux ħlief lil Cristu uaħdu.

Dàna li għedna jisseijaħ "*It-Trasfigurazioni ta Gesù Cristu.*

Cristu uissa lit-tliet apostli illi xein milli chienu rau ma għandom igħeidu kabel il meut tigħu. Niżln fil belt ta Cafarna, fein dich il ħabta chellu jitħallas il ħaraġ min collħatt lil imperatur ta Ruma. (Il bliet li semmeina u 'nsemmu, illi fihom chieu G. Cristu, colla chienu dac iż-żmien tar-Rumani; u jech f' xi uaħdiet insibu re Lhudi, dana chien isir għax l'imperatur jakbillu). Biex iħalsuħ il ħaraġ G. Cristu u l'Apostli? u la flùs ankas ħueijeġ ma chellhom. S. Pietru tafa il-lenza il baħar, kabat ħùta, u geuua gargiha 'nsabet biccia flùs tad-deheb.

Habat haun jinkala xi cliem bein l'Apo-

stli, u G. Cristu chellu jitħaddet fuk l'umiltà. Urihom tifel ċcheichen, u kalilom:" Taraux dac it-tfaijel? bħalu iridu icunu il bniedmin, sabiex jidħlu geuua is-sema. Għandu il bniedem jumilia rùħu: jech trid titla, inżel: min jiccecchen pħal dan it-tfaijel, icun imcabbar min Missieri, u 'mtalla fis-smeuiet. Min jilka tfaijel bħal dana fl'isem tigħi, icun jilka lìli. U, ngħedilcom ucoll, min jiscandalizza lil xi uieħed min daż-żgħar, illi jemmnu fìa, aħiar icun għaliħ idendel ma għonku gebla ta mitħna, u jegħrek biha fil baħar. Guai għad-digna minħabba fl' iscandli! tabilħakk li daun għandom isiru; imma mischin il bniedem li minħabba fiħ icunu saru."

Baka jitħaddet fuk li scandali; u kàl imbagħad, illi hua giè fid-digna sabiex jirbaħ edac li chien intilef, u li bil ferħ collu jagħmel dana. "Jech uieħed—gieb Cristu dittixbiha—jech uieħed icollu mitt nagħgia, u uaħda minnom toħroġlu mil merħla u tintilef, iħalli id-disgħa u disgħin fuk il mun-

tagna, u imùr ifittex il mitlufa. Jech isiba, jifraħ uisk iżjed biha, milli jifraħ bid-disgħa u disgħin li ma chienux intilfu." kàl u-coll "Jęch uieħed jidneb, iftħulu għaineiħ bil ħlenua; jech ma iridx jisma lilech u ankas lil ħattiħor, ugżaħ lil Cnisia, u jech lankas icùn irid jisma mil Cnisia, żommuħ bħal ragel ħażin."

S. Pietru haun kàl lil G. Cristu: "Chemm il darba għandi naħfer lil bniedem l' icùn għamel xi ħagia contra tigħi? seba' darbiet?" Cristu kallu; "M'ux seba' darbiet, imma seba' darbiet għal sebgħin darba." Gieb ucoll G. Cristu xi tixbiha fuk illi għandna naħfru lil xulxin. Kàl edina: "Chien emm Re, li chellu jeħu bosta min għand uieħed; u billi ma ħalsùx, ir-Re kata, illi dana, martu, uliedu, għandom icunu mibjugħin, sabiex id-dein jitħallas, biex ingħeidu hecch, min gisimom. Dàc tala għand ir-Re, u kallu: "Icolloc ftit tas sabar, jaħasra! jen inħalsech — Ir-Re gietu ħniena minnu, ħafirlu id-dein u bagħtu. Meta, col-

lu ferħan, niżel min għand ir-Re, iltaka ma uieħed li chellu jàti lilu; kabadlu f'għonku, ried jifgaħ. L'imseichen jitolbu li jisborlu ftit; għalxein; daħħlu calzrat. Uaslet f'uidnein ir-Re, u dàna bagħad minnufħ għal dàc il kalb ħażina. "Affi għalich, kallu, chiefer ill'int! jena ħfirtlech deinech collu, li chien cbir, u int ma taħfer ħabba il ħatt! inti tlabtni li naħfirlech, u jen ħfirtlech; dàc talbech li taħfirlu: u għaliex ma ħfirtlux ucoll?" F'di 'l chelma giagħal illi jeħduħ calzrat, u isautuħ sa ma iħallas deinu. Hecch jagħmel—spiccia biex kalilom G. Cristu—hecch jagħmel magħcom Missieri Alla, jech intom ma taħfrux bil kalb lil xulxin."

Irid ucoll G. Cristu, illi culmin jista (u chif jista), igħein il fokra, u għandu igħeinom bil kalb collha: hua stess tana l'esempiu tal fokra, għaliex fkir għax fid-digna, fokra ucoll l'Apostli. Fuk edin il ħagia nakrau fl'evangeliu mkaddes dàn il fàtt. Epuluni, ragel għani, ma għamilx f' ħaitu

ħlief jixxala, jati l' imueijed, u jistieden. Lazzru, tallàb, imcercer, marìd, ma għamilx f' ħaitu ħlief jakla fuk uicciu, ibati, u jiżżi ħair l'Alla min collox. Chien da' l'imseichen jersak lein id-dar t' Epuluni, jittallab xi lokma, xi fdàl ta l' imueijed; imma għal xein, għax il clieb chienu igaudu collox: ħaita ħniena katt ma ra. Lazzaru miet, u l' Anġli ħaduħ fi ħdàn Abram, geuua il-Limbu. Fil-Limbu chienu imorru innies it-taiba, għaliex bieb is-Sema chien magħluk għal collħatt, u ma infetaħx ħlief bil passioni u 'l meut ta sìdna G. Cristu. Màr immela Lazzru fi ħdàn Abram. Miet ucoll Epuluni, u màr l' Infern. Min fein chien kigħed, lemaħ lil Abram u Lazzru fi ħdànu, geuua il-Limbu. (Il-Limbu hua lòc maduar l'Infern, lòc, fein ma hemm la tbatìa, la tgaudìa). Hecch chìf lemaħħom, kàl: "O Missier Abram, ħinn għalìa! ibgħat lil Lazzru ibill pontet sebgħu fl' ilma, u biha miblula jigi imissli pontet ilsieni, għaliex ma nistax iżied b'edaun in-nirien."

Abram kallu: "Ftacar, ibni, f' chemm chellech gìd fid-digna, u f' li għamilt biħ. Lazzru ma chellux ħlief għaks u guai. Barra min dàna, aħna ma nistgħux ninżlu ħdeich, u lankas tist'inti titla katt ħdeina."

Ragia kallu Epuluni: "Nitolboch immela tibgħad lil Lazzru għand niesi fid-digna, ħall' igħedilom f'liema guai, f'liema hemm, ninsàb jena, sabiex ma jigiux jeuilla f' dan il-lòc uma ucoll, f' dan il-lòc tat-taħbit u 'l uigia ta deijem."

Uiegeb Abram: "Niesech għandom il-Ligi ta Mosè, u għandom culma kàlu 'l Profeti: jokogħdu għal edauna: biżżeijed."

Epuluni mìn ġdid: "O Abram, Missier! jech xi ħatt mil meitìn ikùm, u imùr igħedilom, uma jindmu min dnubietom, u igħixu seuua."

Ragia uiegeb Abram: "Jech niesech ma jisimgħux dàc li kàl Mosè u 'l Profeti, lankas ma jisimgħu cliem il meijet l' imurilom ħaj."

## V.

**G. Cristu fzieghel biz-zghar-X'jinhtieg biex tirbah ruhech-In-nies ghogna Uahda midinba kuddiem Cristu-Cliem tighu-L'acbar cmandament-Tuissijet Cristu f'dàr uiehed ghàni-Midimba ohra (niedma).**

Meta G. Cristu għallem u għamel dana li għedna, gibet għal Giudea, ma tùl ix-xmara tal Giurdan. Reġgħu haun ittantauħ il għurrief tal Lhud, għamlulu ħafna custioniet fuk il Ligi. Cristu kata 'l custioniet colla bil għerf cbir min tigħu, għerf, li sa feinu ma chien jista ħatt jilħak. L' ommiet ta dich in-naħa, li chienu semgħu il chelma tigħu, bdeu iresskulu it-tfal zgħar, biex jagħmel idu fuk iriusom, u ibericom. Id-dixxipli ħablu igorru meta rau dàn; imma Cristu kalilom: "Halluhom, ħalluhom jersku leija lil edaun it-tfal, għaliex taħħom is-saltna tas-smeuiet." Zigħel

b'dauc l'innocenti colla, u baka seijer. Ma chienx tbigħed uisk min emm, xħin resak leiħ uieħed ragel,u kallu daun il chelmiet: " O Mgħallem taijeb, x' jaħtieġli nagħmel biex insalva ruħi?" Cristu (arau x'umiltà !) kallu. " Għax tgħeidli *taijeb*? ħatt m' ù taijeb ħlief uieħed uaħdu: Alla. Jech trid, ibni, issalva ruħech, osserva il cmandamenti ta Alla." Dac ir-ragel kallu: "Dàn agħmiltu sa min żgħuriti; x'jonkos issa?" Cristu uiegeb: "Jech trid tilħak fl' ogħla tieba, mùr u bieħ li għandech; ati dauc il flùs lil fokra, u icolloc tesòr fis-sema; imbagħad argia eija u ibka migħi."

Dac ir-ragel, meta sama dàna, tfantas u mar, għaliex chellu gìd uisk.

G.Cristu, meta ra hecch, dauuar għaineiħ fuk l' Apostli u kalilom: Icun kauui li bniedem għàni jidħol geuua is-smeuiet: actar tgaddi ħafif ras ta gemel min għain ta labra, inchella għàni min bieb is-sema."

Meta l'Apostli, illi chienu jafu chemm hi ħagia tkila is-salvazioni, semgħu ucoll dàna

l'aħħar cliem ta G. Cristu, beżgħu uisk, u bdeu igħeidu: "U mìn icun immela, mìn icun ill'isalva ruħu!" G. Cristu ragia ħares leihom u kàl: "Is-salvazioni m' ix possibli għal bniedem, imma Alla jista collox."

B'daun il chelmiet ried ifisser G. Cristu, illi is-salvazioni ma għandniex nittenneuha min ħilitna, imma mil ħniena u 'l għainuna t'Alla l'imbierech. Ittantau, darb' oħra, Lhud għrrief lil G. Cristu, billi gebulu kuddiemu mara midimba.

Arau il ħżunìa taħħom! kalu beinietom: "Il-Ligi ta Mosè tgħeid illi 'l mara midimba għandha tcun imħaġġra; imma din il Ligi jebsa uisk, u tista titħalla. Jech dana Gesù jiccundanna lil di' 'l mara, ngħedulu: —X' int immela tippredica il ħniena?— Jech jaħfrila, ngħedulu: Raitx chif inti ma taħsibx u ma tagħmilx scond il-Ligi?—" Hasbu li b' dana chienu seirin jagħalkuħ geuua ħolka, u li minna ma jistax joħroġ; imma ħargilom. Giebu mela dich l'imseicna u gżauha. Semaħħom bla ma fetaħ

fommu. Tmeijel imbagħat lein l'art, u chiteb fuk it-trab, b' sebgħu, daun il chelmiet: *Min fostcom ma ghandu lebda dnùb, jitfghilha leuuel hagra.* Bakgħu bħal boloħ li chienu, u scartau uieħed uara l' ieħor. Meta Cristu baka mal midimba biss, kalilha: "Mara, inti iccundannac xi ħatt?" kalitlu: "Lè, Signur, ħatt." "Lankas niccundannac jen—kalilha—imma, għalligei, iftaħ ġħaineich, u la tidnibx izied."

Chemm ì sabiħa it-tagħlima li tàna f'din il mara G. Cristu! x'irìd il bniedem jiccundanna id-dnubiet ta għairu, jech hua ucoll icun imtabba? x'irrìd jen ingħaijar ħalliel lilech, u tcun, jech jena da''l-leil ktilt uieħed? Il cruha u it-tagħuiġ fid-digna m'ux xorta uaħda, imma collu tagħuiġ u cruha: id-dnubiet colla dnubiet. Aħna għandna inħinnu għal xulxin u ninħabbu.

Staksa uieħed lil G. Cristn: "O Mgħallem, liema hu l' acbar cmandament tal-Ligi?" Cristu kallu: "Hobb l'Alla b' kalbech colla! dàn ù l'euuel u l'acbar cmandament;

imma it-tieni uieħed jixbħu: Hobb il proxxmu tigħac pħalech in-nifsech. Fuk edaun iż-żeuġ cmandamenti kegħda il-Ligi. ”

Naħsbu ftit. Ma tistax tħobb l'Alla seuua, jech ma tħobbx ucoll il proxxmu. Jech inti tħobb il proxxmu, tixtieklu il gìd, tixtieklu edac li trid lilech stess. Dàna li jiccmandana Alla. X' in ì il Ligi t' Alla ħlief tuissiet tal imħabba, leiħ, u lein il proxxmu tagħna collu? Actar imbagħad ma nħobbu l' Alla, bil kalb, Alla actar jaħfrilna; u fuk dàna nisimgħu li gei.

Chien G. Cristu mistieden għand uieħed Lhudi għàni; màrlu. F'uakt il meida, daħlet mara midimba, collha mbicchìa u lofkana, xteħtet f' riġlein Cristu, ħaslitomlu bi dmugħa, mesħitomlu bi xgħarha, dilchitomlu bil fuiħa. Meta dach li stiednu ra dána, kàl beinu u bein ruħu: Li hu chien profeta, chiecu għaraf mìn u x'in ì 'l mara li kegħda tmissu.'

—Xmùn ( għax da' chien ismu ) Xmùn, kallu Cristu, għandi ngħeidlech xi ħagia.

—Għeidli, Mgħallem, għeidli.

—Chien emm uieħed li chellu jeħu min għand tnein: min għand il uieħed ħamesmitt scud; min għand l'ieħor ħamsìn. Hafrilom diunom lil itneiu. Issa min minnom għandu ragiun iħobbu l'izjed?

—Dac tal ħamesmìa.

—Iva. Arax issa di' 'l mara? jen dħalt f'darech: int ma taitnix biss coċċ ilma għal riġleija, imma hi ħaslitomli bi dmugħa u mesħitomli bi xgħarha. Int ma bistnix; hi besitli riġleija bla ma tehda. Int ma dlictlix rasi bil fuiħa; hi dilchitli riġleija. Għaldaksecch immela, dnubita, għad li uisk, maħfura, għax għarfet uisk tħobb. Ftit jinħafer lil mìn ftìt iħobb."

Dauuar uicciu imbagħad G. Cristu lein il mara u kalilha: "Dnubietech maħfura; il fidi tigħac salvatech. Mùr, binti, u ibka, ibka taiba."

# VI.

**Il Farisei-Ghira ta dauna ghal G. Cristu Il miraclu tal aghma-Il parabola tas-Samaritan-G. Cristu u is-Samaritana Feikien ta bìn uiehed mil cbarat-G. Cristu jaghmel l'ilma imbit.**

Jissemmeu uisk fl' Evangelj imkaddsa il Farisei. Dauna chienu nies ill' irìdu min iżżommhom b' nies taiba, li josservau il-Ligi chelma b' chelma, u ixandruha fis-sinagoghièt (il chnisia tal Lhùd tinsieħ Sinagoga); il uisk imma min da' 'l Farisei chienu nies foloż, jixtu it-tràb f'għainein il poplu. G. Cristu chien sicuit fis-sinagoghiet maħħom; u meta chien jiftaħ fommu hu, ma chienx icun èmm fein tkigħed labra. Gietom għira cbira għal dàna; u barra min dana, meta chienu jiddisputau migħu fuk il-Ligi, ma chianu katt jirbħulu uaħda. Darba kalilom f' uicciom li huma nies foloż, nies ta żeuġ uciuħ, u li għalecch ma jist-

għux jisimgħu seuua u jagħmlu il chelma ta Alla sħiħa u chìf għanda tcun. Hadu għalihom uisk, u, biex imakdruħ, kalulu: "Inti Samaritan!" chelma, li għalihom chienet tfisser ragel ħażin, u li ma ifittix il-Ligi. (Chienu igħedulom ħżiena lin-nies ta Samaria; imma il ħżiena u it-taibin collumchien). Hàdu tant għalihom il Ferisei, li chienu u collox seirin jakbdu il ħagiar għaliħ. G. Cristu, biex ma isirux scandli geuua it-tempiu, ħareġ. Arau issa x'risposta tahom lil Farisei. Chif ħareg min èmm, iltaka ma uieħed giuvni agħma mit-tuelid, messlu għaineiħ u taħ id-daul. Mietu bil għali il Farisei, u għamlu dmirom collu biex chiecu dàc il giuvni ma ixandarx il miraclu; imma chellom jinkasmu, għax dàc, collu ferħan u hieni, mar ixandar il miraclu ma collumchien; u meta ragia iltaka ma G. Cristu, xteħet għarcubteiħ jaduraħ kuddiem il gemgħa colla.

Ftit uara da'li għedna, uihed għaref tal ligi staksa lil Cristu x'għandu jagħmel sabiex

isalva ruħu. Cristu uiegeb ħafif ħafif: "Ħobb l'Alla u 'l proxxmu tigħac." Dac irragel chien mil Farisei, u ried jitchessaħ b'gherfu billi ragia kal lil Cristu: "X'għandi nifem bil chelma *proxxmu*?" Kabes Cristu u kallu: "Chien èmm imseichen ta ragel seijer Gerusalem; kabdu fiħ il ħallelin, serkuħ, fereuħ, u ħalleuħ mixħut fl art. Għadda kassis Fariseu, taħ dakka ta għain u baka seijer. Għadda iħor, u għamel l'istess. Għadda imbagħat Samaritan, tifimni? u chif lemaħ lil edac l'imseichen mixħùt, niżel min fuk il ħmara, gera leiħ, rabbatlu fein ra xi demm, refgħu, ricchbu, u daħħlu fl' euuel dar li sàb li tilka in-nies. Is-samaritan ma satàx jibka ma dac l' imseichen, imma xi għamel? ħalla xi flùs lil dàc tad-dar, u kallu ucoll "Iech dana mà icunx biżżeijed, onfok min tigħac għal dar-ragel chemm icun èmm bżonn; u meta jen nargia ngħaddi, nħalsech ta collox. Min chien il proxxmu għal dàc l' imseichen?"

—Is-Samaritan—kallu 'l għaref.

—Mùr, ibni —kallu Cristu— u agħmel bħalu."

G. Cristu chien għadda mis-Samaria. Darba uaħda għadda min fein belt ta dauc in-naħat, isimha Sicar, u kagħad jistrieħ ftit ma gemb ħirża ta bìr, li chienu igħedulu" il Bìr ta Giacob. Giet timla mara Samaritana, u Cristu kalila: "Atini nixrob."

—Kìf!—kalitlu—in-nies ta pajisech, il Lhùd, ma jakblux magħna: u chìf inti titlobni tixrob?"

—"Li cont taf—uegiba Cristu—min hu li talbech jixrob, inti stess cont titlob lìlu; u hu chien jatich ilma tal ħaija"

—"U kìf, jech inti—kabset hi—jech inti lankas għandech biex timla! dana l' ilma tigħac min fein? intix jeuilla icbar min Giacob, illi tàna da' 'l bìr, u xorob minnu hu stess, uliedu, u l' imrieħel tigħu?"

—"Colmin jixrob mill ilma ta dan il bir, kalla Cristu—jargia icollu il għatx; imma colmin jixrob mill ilma li natiħ jen, ma icollu għatx katt iżied.

—"Atini mela—kabset hi—min dana l' ilma tigħac, sabiex ma icolli għatx katt iżied:"

—Mùr—kallha Cristu—gìb il żeugech, u arġ' eija.

—Jena ma għandix ragel—kaltlu hi.

—Seuua għett—kalila—li ma għandechx ragel; imma, int....

U Cristu kràlha biccia min ħajita, li ma chienetx ta min ifaħħara. Stagħġbet meta ràt li jafilha collox, u kalitlu: "kegħda nara ill' inti Profeta."

Marret tiġri il belt u tgħaijat: "Eijeu, eijeu arau bniedem, illi bla ma jàfni, kalli ħaiti colla; mùx dàna Cristu?"

Hargiu in-nies tal belt; lakgħuh u talbùh jidħol u jokgħod maħħom. Daħal fil belt u diem jumein igħallem u juri it-triek tal ħaija ta deijem. Uara dàna, in-nies ta dich in-naħa, bdeu igħeidu lil dich is-Samaritana. "Ma hemx bżon tgħedilna int iżied fuku; raina b' għaineina x' in ù, biż-

żeijed." Elùf kalbu għal cliemu, u is-Samaritana leuuel uaħda.

Ragia gibet min èmm G. Cristu għal Galilea, għan-naħa tal belt fein chien għamel il miraclu tal ilma imbit, li biħ nagħalku din it-taksima. Chien jinsàb èmm uiehed mil cbaràt tar-re, li chellu tifel marìd fil belt ta Cafarna. Màr kuddiem G. Cristu, u talbu l' imùr èmm sabiex ifeijaklu l'ibnu. Cristu kallu: "Jech ma taraux miracli, ìntom ma temmnux."

"Eija, jaħasra, eija—ragia kallu dàc—li jeuilla ma imutlix kabel int ma tasal."

"Mùr—kallu Cristu—it-tifel tigħac ħaj u ma ghandu xein."

Emmen il missier ghal daun il chelmiet ta G. Cristu, màr. Kabel ma chien uasal f' pajisu, iltaka ma xi nies tigħu li kalulu: "It-tifel ħaj u ġmielu." Saksihom hu: "Xi ħin ġħadda għall aħjar?" kalulu: "Ilbieraħ fis-sebgħa ħallieħ id-deni." Chien seuua seuua il mument li Cristu chien kallu: "Ibnech ħaj u ma għandu xein." Dac il mis-

sier, ibnu l'imfeijak, martu, u id-dàr collha, emmnu dlonc f' G. Cristu.

Fost il miracli ta G. Cristu ma chienx l'iżgħar uieħed edac ta meta l'ilma għamlu imbìt. Fil belt ta Cana (Galilea) chien emm tieġ ta nies fokra, u fiħ chien mistieden G. Cristu, l' imkaddsa Omm Maria, u l' Apostli. Marru. Intebħet Maria li ma chellomx imbit, u marret kalet lil binha Gesù. Dàna giagħal dlonc l' igibulu kuddiemu xi giarar mimlia bl'ilma: hecch għamlu. Dàc l' ilma f' dakka uaħda sàr imbit. Min ridtu ma jemminx fiħ fost chemm chien emm mistednin? fost chemm chien emm nies dauc innaħat?

G. Cristu chien màr f' edan it-tieg sabiex juri l' umiltà tigħu, e sabiex deijem jiġbet in-nies għal cliemu, għal Ligi, għal Alla. Cbìr chien l' isem tigħu fil Galilea; chien colħatt, tista tgħeid, iseijaħlu Profeta. Li chiecu ma chienx màr f' dàc it-tieġ, chien jista xi ħatt igħeid, illi ma riedx imur għax Profeta, għax cbir u stednuħ il fokra.

Nieħdu min dàna esempiu, ill'ingibu deijem iruieħna taijeb u ħelu mal fokra, ma culmin hu inkas min' na fid-digna. U għaliex ( jech tokgħod taħsiba ftìt ) għaliex għandu katt jitcabbar il bniedem, billi jeuilla, drabiet, ftìt acbar u aħiar, fil gìd taddigna, min ħattiħor? Għandna niftacru ill'il coll xorta uaħda geina fid-digna; li ħatt ma għamel lilu innifsu; li ħatt ma gieb xein migħu. Il cburìa (barra mid-dnub li fiha jidħol ), jech tħares leiha seuua, massibiex ħlief żgħurìa, żgħurìa tal moħħ u tal kalb, frugħa.

Kima, mħabba, ħleuua lein culħatt.

## VII.

**Il parabola tal iben prodigu-Il hniena t'Alla-Zacheu-Il kaumien ta Lazzru-Ksim il kalb tal Farisei u 'l kassisin tal Lhud Dàc li kàlu fil gemgha tahhom-Cliem Kaifàs-Jaktghu li ghandom joktluh Ebda biza ghal dàna f'G. Cristu-In-nisa tal Evangeliu.**

Kabel ma niccumpagnau bil cliem tagħna lil G. Cristu geuua 'l belt ta Gerusalemm, nisimgħu il parabola ta l'Iben Prodgu, u x'ried Cristu igħallem b' dich it-tixbiħa.

"Ragel taijeb u għàni chellu żeuġ titfal; taijeb pħalu chien il cbir, ma chienx hecch iż-żgħir. Dàna beda isùs uara missieru sabiex jatiħ sehmu, għax ried imur igħix għar-rasu, u chif jogħġbu. Ma riedx il missier, u fetaħlu uisk ġħaineiħ; ma sa fl'aħħar chellu iciedi, u jatih li chien imissu. Malli dàc il bla għakal ħa sehmu, dbigħed min dàr missieru, u màr igħix chif ried ma ħbiebu. X'ħaija màr jagħmel ? tax-xalar biss,

u taijar fi ftit żmien culma chellu. Ftakar: uaka li ħtieġlu fl' aħħar nett imur saħansitra jirgħa l' animali mukżieża u drabiet jecol sa 'l giandar. Meta chien jinsàb f'edin it-tbatia, kàl darba beinu u bein ruħu "Chemm ù aħiar minni lankas uieħed li f'dàr missieri, u jena bil giuħ meijet! Ie, le! icun l' icun, nargia immur; nixteħet f' riġleiħ, nibchi, nolfok, nistkarr li cont agħma.... forsi jaħfirli. Hecch għamel; u ma chienx għadu uasal id-dàr, meta missieru lemħu. Gera għal fuku b'ideiħ miftuħa, ħadnu, biesu. It-tifel xteħet f'rigleiħ u kallu: "Ma jistħokklix dàna, għaliex jena cont chiefer migħac." Imma missieru actar beda iġħanku u ibusu, u giagħal illi dlonc igibulu libsa ġdida, u l' issìr minnufiħ meida mil isbaħ għal ħbieb u'l kràba, sabiex juri lil collħatt il ferħa cbira tigħu. Giè min barra it-tifel il cbir, illi meta ra dana collu, tfantas, u kàl lil missieru: "Jena li katt ma csirtlech kalbech, li katt ma ħalleitech, ebda ma raitech b' edan il ferħ għalìa!" "I-

ħni— uieġbu missieru bil ħleuua colla —Ibni, inti migħi deijem, u li tigħi tigħac; imma il ħùc cont tliftu, u sibtu; chien meijet, għalìa, u ragia ħai."

Sìdna G. Cristu b'edin il parabola, sabiħa uisk, ried jurina chemm hi cbìra il ħniena t'Alla l'imbierech ela 'l bniedem illi jindem min dnubietu, u bil kalb jitolbu maħfra. Hi cbira, tusseuua, il ħniena l' Alla; ma għandux iżda, għal cobor taħħa, jabùsa minna katt il bniedem, jech ma iridx igħix deijem fil periclu ill' imùt fil ħaija ħażina, u imùr jintilef għala deijem ta deijem geuua l'infern, f'edac il-lòc, illi fiħ għalxein jistenna imbagħad xi ħniena, f'edac il lòc tat-tregħid u 'l biża, fei ma hemx ħaġ' oħra—kàl G. Cristu—ħlief "bichi u tgħażżiż tas-snien."

F' coll belt, illi fiha, jeu min feina, G. Cristu chien igħaddi, il pòplu chien jingama folla cbira lein it-torok tal mogħdia tigħu, għaliex bl' imħatra min jaraħ, billi l' isem tigħu chien xtered u chiber uisk fil

ħliet collha tal Giudea u tal Galilea. Daħal fil belt ta Gerico, in-nies ma duaru ktaija ktaija. Chien èmm fost l'oħrain uieħed għàni (ma chienx tant ragel taijeb), ismu Zacheu, illi chien ilu uisk mixtiek li jara lil G. Cristu; u billi baża li minħabba f'dich il folla ma chienx icun jista jaraħ seuua, ħa tala fuk siġra, għaliex hu chien ksaijar. Chif Cristu uasal ħdein dich is-siġra, rafa għaineiħ lein Zacheu, u kallu: "Zacheu, inżel min èmm, għaliex illùm irrid nigi nokgħod f'darech." Zacheu niżel minnufiħ u laka il G. Cristu geuua daru bil kalb collha. Makdret in-nies meta rat dàna: "Taraux—bdeu igħidu—taraux! màr jokgħod f' dàr ta uieħed midneb." "L'iben t' Alla—kalilom Cristu— giè sabiex ifittex u jirbaħ cullma hu mitluf." Zacheu biddel ħaitu; emmen f' G. Cristu, seuua hu, chemm tigħu collha.

G. Cristu min Gerico resak lein Betania, krib Gerusalemm.

Chien èmm f' Betania famiglia maħbuba uisk min G. Cristu, zeuġ bniet u ħuhom;

Marta, Maria Maddalena, u Lazzru (m' ux dàc li ftit ilu semmeina). Dana Lazzru chien marad, u 'l marda ħaditu 'l kabar. Malli ħutu 'l bniet semgħu li G.Cristu chien il dich in-naħa, Marta telket ġħal feinu bilġri; sabitu, u kalitlu: "Oh, Gesù, li cont aun inti, ma chienx imùt ħia Lazzru!" kalilha Cristu: "La tibża xein, o Marta! ħùc ikùm min bein l'imuiet." kalitlu hi: "ikùm nhar il giudiziu." uegibha Cristu: "Il kaumien u il ħaija, jena stess: culmin igħix u jemmen bìa, ma imut katt: temmen inti f' daun il ħueijeg? "Jena nemmen—kaltlu Marta—illi inti Cristu, l'Iben t'Alla, li għandu jargia jigi fl'aħħar tad-digna."

Marta reġgħet lein id-dàr, u bagħtet għand Cristu l'oħta. Il fidi u il chelma ta Maddalena chienet akua min ta Marta; tchelmet ma G. Cristu fuk ħùa Lazzru b' tant ħniena u ħrara, li bicchiet lil colħatt; saħansitra (igħid S. Giuann l' Evangelista) saħansitra lil Cristu kabes id-dmuħ. Xi Lhud li sàbu ruieħom f' din il-lakgħa, u li

rau lil Cristu idamma, kàlu: "Tasseuua li chien iħobbu; imma hu, li jàti id-daul il għomi, l'ifeijak l' imgiddmin, l'imgienen, u il morda collha l' oħra, hu ma satax ucoll jagħmel illi Lazzru ma imutx?" Cristu chien jàf x'in uma igheidu; xein ma tchellem, imma urihom. "Fein tfintuħ lil Lazzru?—kal lil Madalena—uruni kabru." F' dàna reġgħet laħket Marta, u kalitlu: "ilu midfùn erba'tijem." Marta (Muleija aħfrilna!) chien għad ma għandiex, donnha, fìdi biżżeijed. Hadu immela lil Cristu fuk il kabar ta Lazzru, u kalgħu il blata. Nitħaltu issa mal folla li chienet tinsàb maduar il kabar: colħatt fuk ix-xeuch, colħatt għaineiħ fi Cristu; schiet, taħbit il kalb. G. Cristu rafa għaineiħ lein is-sema, u għamel talba l'Alla. Fl'aħħar chelmiet tat-tulba, medd il pass kauui lein il kabar, it-tauual b'nofs gismu, u kàl jgħaijat: "Lazzru, kùm!" Lazzru kàm u tala ħaj Għaita uaħda, bichi, lfik, tnehid... Hagia cbira hecch ma tħallichx tifraħ mill euuel.

Imma x' tara imbagħad? colħatt ibùs tarf il-libsa ta Cristu, colħatt igħannak u ibùs lil Lazzru, colħatt jifraħ, colħat ibierech l'Alla!.... Semgħu il Farisei u il kassisin b' da' 'l miraclu ġdìd, u tohom geuua bil uisk. Għamlu il gemgħa taħħom (ngħeidu aħna il Consill) u bdeu igħeidu: "Dan il bniedem se'r jitlifna, se'r jitfina! u min icùn iżied li jemmen fi cliemna min ħabba f' da' 'l bniedem? Dàna, colħad se'r jemmen fiħ.... dana, giurnata, id-digna collha tcùn tigħu!.... Le, le! jaħtieg nekirduħ! intemmuħ.... Kabes Kaifàs: "Mela x'inù? —kàl—jaħtieġ imùt uieħed għal gìd tal bkìa."

L' ibleħ ta Kaifàs fuk dil ħagia chien Profeta, għax G. Cristu chellu imut għal gìd ta colħatt.

G. Cristu chien ixandar deijem u collumchien il chelma u is-seuua t'Alla bla ma jibża min ħatt. Chien jaf ill' il Farisei u 'l kassisin chienu kegħdin jaħdmu contra tigħu, u chemm il darba l' Apostli talbuħ li

chiecu ma jersakx lein xi bliet, imma għal-xein. Biex narau ucoll aħiar chif G. Cristu ma chienx jibża xein u xein, niftacru f'illi għamel meta sàb in-nies tbieħ u tixtri fit-Tempiu; imma dan ingħeduħ, 'ch' Alla irid, ftìt il koddiem.

Issa dauc collha li chienu jisimgħu il cliem ta G. Cristu, chienu jarau taijeb chemm chienet cbira l'imħabba tigħu lein Alla, lein il-Ligi, il ħakk, u is-seuua; iħossuha chienu il kauua ta cliemu, actar il kauua tal miraculi tigħu: madanacollu, ma chienux il coll għal cliemu iduru, jemmnu. Dàna biex iseħħ dàc li chien kàl fuk Gesù Cristu il profeta Isaia. "Uħùd icunu għomi u icollom klubom tal gebel: u la jarau, u la iħossu."

Nerġgħu ftìt għalli conna 'ngħidu fil biccia ta kabel. Il Farisei immela u il kassisin katgħu fil Consill taħħom illi għandom joktlu il G. Cristu. Chienet korbot il festa tal Għid, li chienet issir cbira f'Gerusalem. Dina il festa tal Għid taħħom chienet it-

tifchira ta meta, żmien Mosè, chienu ħilsu mil jasar tal Egittu. G. Cristu ried jinsàb emm għal festa. Sitt ijem kabel il Għìd, Cristu, mil belt ta Fraim, ragia màr fil Betania, u màr jokgħod f'dàr ta uieħed (ragel jista) illi hu chien feiku mil ġdiem. Dac ir-ragel tà meida lìlu u lil Apostli; Lazzru chien mistieden; oħtu Marta umiliat ruħa isservi fil meida. Marret ucoll Maria Madalena, u dilchet riġlein Cristu biż-żeit tal fuiħa. Giuda meta rà dana rafa xufteiħ u kàl: "Daż-żeit sata jimbieħ taijeb, u 'l flùs jintgħatau lil fokra." Xi ħniena f' Giuda! G. Cristu ma ħallieħx bla risposta, u kallu: "Fokra għandcom u icolcom deijem magħcom; m' ux deijem iżda icolcom lìli."

Marta u Maria Madalena, mixgħulin bl' imħabba t' Alla, colfein chienu jistgħu jilħku lil G Cristu, cont tarahom dlonc uraiħ, Madalena imma fiìt iżjed. Barra min daun iż-żeuġ nisa (li chienu nies jistgħu) insibu uara G. Cristu uaħda Giovanna, mart imħallef; uaħda Susanna, signura oħra; insibu

ucoll il Maria ta Cleofa, li chella ulieda dixxipli ta Cristu, u lil Maria Salome, omm iż-żeug Apostli, S. Giuann u S. Giacbu. Daun igħedulom "il Mariėt," u xi għurrief iseiħulom ucoll "In-Nisa tal Evangeliu;" imma fost il Mariėt u in-Nisa colla tal Evangeliu, l'egħżes, l'acbar, l'ogħla nett, ir-Regina, hi Maria ta Nazaret, il Vergini mkaddsa Omm l'Iben t' Alla.

# VIII.

## Gerusalemm ta żmien G. Cristu Gersalemm ta daż-żmien-Id-daħla ta G. Cristu fiha-Il beijegħa geuua it-Tempiu Hażen ta nies dich il belt-Taħdita kaunia ta G. Cristu fuk dàna-Li għamlu contra tighu l'egħdeuua-Giuda.

Aħna usalna fein chiecu ma conna ridna katt naslu: usalna ma G: Cristu f' Gerusalemm. L'Iben t'Alla chien uisk drabi kàl xi ħagia lil Apostli fuk il ħueijeg illi chellom igħaddu għaliħ geuua dich il belt.

Gerusalemm ta żmien G. Cristu xein u xein ma chienet tixbaħ lil Gerusalemm tal lùm. Chienet belt mill acbar, mill isbaħ. mill ogħna li fid-digna: torok uiesgħa, indaf, piazez, palazzi, gionna; palm u sigiar oħra collumchien; egħjùn, ilma gieri, fi diar mill usa cont tara scheijel tal Ligi, ta coll għerf, tad-dakk u 'l cant; beiħ u xiri nhar u leil; it-tgħabi fuk l' iġmla jirruccau ma

xulxin, jaħbtu mal ħitan, ma jaktgħu katt. Mitein elf ruħ cont tgħoddom geuua fiha. Belt mill actar imsemmia fid-digna, imma dnubieta seħtuha, chif chienn kàlu il profeti, chif chien kàl u beca Geremia. Ir-Rumani chienu (fi guerra sebgħin sena uara G. Cristu) għamluha għorma gebel; reġġħu bneuha il Lhud. Ma 'ngħedux l' istoria taħħa ta min emm ilaù, imma natu dakka ta għain, narau chìf u x'in ì il-lùm Gerusalemm. Uh, jaħasra! ħitan seirin jakgħu, ħitàn ta diar għorof geuua torok imgħaugin serp; tiùn ta xibrein fix-xtieui, tràb micui li joktloch fis-siuf; xi palma tibchi, xi sigiar oħra midbiela; l'ilma jonkos deijem; nies mit-tmienia uaħda; għaks culfein iddar uiccech; zopop u għomi jitolbuc il ħabba katta katta: ħagia mas-sibx illi tferraħlech kalbech, ħlief it-tifchira ta l'imgħoddi u 'l kabar imkaddes ta G. Cristu. Lankas il gemel bil kalb jimxi f'dich il belt illùm. . . . . Is-saħta t'Alla sùsa.

Malli xterdet l' aħbar li G. Cristu ma

chienx bgħid min Gerusalem, in-nies ħdiet toħroġ mil belt ktaija ktaija biex tmùr tilkgħu; u min ixerred il ħaxix imnein chellu igħaddi Gesù, u min iferrex fl' art imbruccatiet, u saħansitra ħueijeġ tal lbies mill isbaħ, u colħatt bil friegħi tal palm u iż-żebbuġ f' idu. Chif G. Cristu chien korob seuua, beda l' agħiat tal ferħ; u x' cont tisma fost agħiat iħor? "Imbierech edac, illi gei fl' isem t'Alla! Gieħ, għala deijem, lil Bin David, fl' oghla tas-smeuiet!" chienu jàfu li G. Cristu chien min-nisel tal profeta Sultan David, u lakgha ta Sultan għamlulu. Imma mìn, mìn, għamilielu din il lakgħa cbira? mìn feraħ u għaijat? min xerred il uerak u gera bil palm u iż-żebbuġ f' ideiħ? il pòplu, għax il cbarat chienu collha, tista tgħeid, Farisei u kassisin, li chienu ilom joboghdu il Cristu; u seuua seuua f'Gerusalem chienu jistenneuħ, sabiex jagħmlulu edac li chienn katgħu fil Consill meta kàlu: Noktluħ.

Imm' aħna għedna li G· Cristu min xein

u xein ma chien jibża, u għalech ma bakax li mamarx għal festa f'Gerusalem. Chìf daħal fil belt, gibet lein it-Tempiu ta Salamun ( l' euuel cnisia li saret fid-digna għal gieħ t'Alla is-seuua, dwar it-tliet elef sena ìlu): u x' sàb geuua it-Tempiu chif daħal? nies tbieħ, tixtri, tpartat. "O—kalilom— nies ħżiena! ħsibtu 'ntom l'id-dàr t'Alla xi sùk?.... oħorgiu min au! akbżu dlonc il barra, nies ta bla uicc!" u f' da' 'l cliem naffrilom il bakar, in-ngħaġ, il ħrief; tairilom il ħamiem, it-tair collu; kaleb l'imueijed tas-sarrafa, xerred il flùs mill idein, u kacciatom il coll b'dixxiplina f'idu. Chienx jibża G. Cristu?

Il għurrief ta Gerusalem u 'l kassisin (u meta immakdru xi kassisin tal Lhud, irridu ngħeidu fuk il ħżiena biss) bedgħu dlonc jittantau lil G. Cristu fuk xi tuissièt u hueijeg tal Ligi. Chien emm ucoll f'dich il belt setta ta nies igħedulom "is-Saducei," illi fost bluhièt oħra li chellom f' rasom, chienu igħeidu li ma hemx ħaija oħra uara dina,

li meijet il gisem, spiccia collox. Dauna bdeu imorru kuddiem Cristu b'ħafna mistoksièt u tixbiħàt; imma G. Cristu uriehom biż-żeijed il fruġħa ta cliemom, il bluha li chienu fiha; u 'l pòplu baka uisk mistagħgeb bil għerf tigħu. Xi Farisei sakseuħ (actarx biex icollom forsi għaliex jugżauh lil gvernatùr ruman) sakseuh jech ux seuua illi għandom iħalsu il ħaraġ lil imperatur ta Ruma. G Cristu kalilom: "Atu lil imperatur edac li hu tal imperatur; atu l' Alla dac li hu t' Alla." F' culma chienu isaksuh, chienu juru ħżunia cbira.

Aħna faħħarna il Gerusalemm ta dàc iżżmien; imma fiex faħħarnih'aħna? fil ħueijeġ biss illi jarau il għainein, għax, mill bkìa, it-tagħuiġ, il kerk, il ħażen collu, u coll dneuua, chienet tinsàb f' edich il belt, il għarusa ta David u Salamun, il maħbubà tar-Reièt tal pòplu t' Alla. G. Cristu chien mimli għaliha, minħabba fil ħażen taħħa. Ftit chien fadlilha kassisin illi jixbħu lixxueijaħ S. Xmùn, li chien laka geuua ideiħ

lil G. Cristu tarbia; ftit illi jixbħu lil Zaccaria, missier S. Giuann; imma fost il pòplu chienu jinsabu nies taiba. Chien G. Cristu, għodua uaħda, mdauuar b' ħafna Farisei u kassisin u Saducei, u cbaràt u poplu; chif sàb ruħu hecch, fetaħ fommu, u uakkgħilom uiccom fl'art bit-taħdìla, kauuia uisk, li għamel. Nisimgħu chelmtein minnha "Il għurrief tal Ligi u 'l Farisei—kàl G. Cristu—jakraulech, o pòplu, ifehmuc il Ligi mkaddsa ta Mosè: agħmlu scond il cliem taħħom; tagħmulx iżda scond l' opri taħħom, ilgħaliex uma igħeidu, igħalmu, iuissu: imma le jagħmlu.

Daun il għurrief li għandcom igħabbu fuk spallein ħattiħor tgħabi mill itkal, imma lankas biss rìxa ma irìdu fuk spalleihom. Jech jagħmlu xi ħagia taiba, jagħmluha fein tidher, kuddiem colħatt, còs: Taraux? taraux chemm aħna nies seuua, nies taiba?.... Klubom mimlìa bil frugħa, jech icùnu mistednìn f' meida, iridu l' euuel post; jech f'xi lakgħa, l' euuel siggiu. Iridu

li colħatt iselmilom; u katt ma jiftacru li min jogħla, jinżel, u li min jinżel, jogħla. O Għurrief u Farisei, nies foloz! intom tagħilku bieb is-Sema f' uicc il bniedmin: u la tidħlu intom, u la tħallu min jidħol! Intom, tieħdu min ħueijeġ in-nies, biex taparsi titolbu għalihom; u għalhech tinżlu iżied min ħattiħor geuua il kiħ tal infern. Guai għalicom, o foloz, li tmixxu in-nies fil għama; li tficciu il ħueijeg irkàk bla ma tħarsu lein il ħoxnin! intom issaffu tazz'il-ma għal nemusa..... u gemel tibilgħuħ sħiħ! Intom taħslu il plàtt min barra, bla ma tficciu kigħu geuua: intom kobra mbaidin u sbiħ min barra; imma geuua għadam u kżież! Intom sriep u lofa! Chif katt, u chìf tistgħu taħarbu il kiħ tal inferniet?.. O Gerusalemm, Gerusalemm! x' icùn mażżmeniet, x' għad isir minnech!" U ma għaddiex żmien uisk ill' ir-Rumani, chìf għedna ftìt ìlu, ma ħarbtuiex collha chem chienet. Ebda belt fid-digna ma chella tuiddìb daks chem chella Gerusalemm; hed-

duha, tista tgħeid, il profeti collha. Chem uiddiba fuk dnubieta il profeta Geremia? Dauc *il-lamentazioniet*, li nisimgħn fil Gimgħa il Cbira, mumiex ħag'oħra ħlief tuissiet u tuiddib lin-nies ta Gerusalem. Chem il darba kalilha; *Jerusalem, convertere, convertere*.... · iccunverti, iccunverti lein Alla tigħac?"...- Ma seuiex imma, għalcollox, cliem Geremia.

Ma setgħitx ħlief tisdiet u ticber bil uisk il mèbgħda, il għìra, il killa tal ħżiena għal G. Cristu, uara it-taħdita li semmeina, u biccia minna smaina; ma setgħux iżommu iżied il Farisei u 'l cbaràt tal kassisìn; riedu chiecu jeħduħ u joktluħ fil mument, imma beżgħu mil pòplu. Bdeu ificciu u jarau chif jagħmlu mill aħiar, sabiex tirnexxilom seuua bla ma'l pòplu jitkankal. Giuda sama b'din il ħagia, resak lein l'egħdeuua ta G. Cristu, ra chif għamel daħal fiddiscors maħħom, u uera ruħu ill' irìd jakdihom, il misħùt! Uegħduħ il flùs; kàl iva. Il ftehima chienet, illi hu (Giuda) għandu

jeħu in-nies taħħom migħu, billeil, fein i-cun G. Cristu; u sabiex dauna jagħarfuh dlonc, għandu ibusu beusa.

Issa l' egħdeuua bdeu jaħdmu contra G. Cristu mal gvernatur ruman, Ponziu Pilatu. Dàna, għad li chellu ligi oħra, u ftit li xein ifittex chien l' affariet tal ligi lhudia, chien igibom taijeb lil kassisin ilhùd, għax ecch chien irid l' imperatur ta Ruma, m' ùx il għaliex chien jeuilla iħobbom, imma għaliex il pòplu chien, tista tgħeid, f' ideihom: uma ixeuxu, uma irażżnu· Uara li 'l chiefer ta Giuda chien ftiehem mal egħdeuua ta G, Cristu, ragia màr jithallàt mal Apostli u G. Cristu. Chellu 'l uicc!

## IX.

**Ic-Cena-G. Cristu jagħmel l'orazioni fl'ort Jigi mehud mill' egħdeuna tigħu-Marbut fil colonna-ECCE HOMO-Igmhobbi bissalib Imsallàb-Il meut imkaddsa tigħu.**

Chien ilu G. Cristu igħeid lil Apostli, illi chien irid jagħmel il Għìd maħħom. Chienet fil Għid issir meida u jittiechel ħarùf. Narau issa lil G. Cristu f' nofs il meida, u l' Apostli ma duaru: narau ic-Cena illi fiha G. Cristu għamel l'acbar ħagia tar-Religion tagħna: it-Tkarbìn imkaddes. Ma kabel ma għamel dàna, ried jati esempiu tal umiltà tigħu lil Apostli, u, nistgħu ngħeidu aħiar, lid-digna collha. Naża il mant, gieb żinġla mimlia bl' ilma, u kabat jaħslilom riġleihom. Stagħġbu. "U chìf, Muleija—kàllu S. Pietru—chìf? Inti immela taħsilli riġleija?" Imma Cristu giagħlu jokgħod. Uara dàna ħasel ideiħ, libes il mant, u ragia ghal meida. Kalilom, chif kagħad: "Uieħed mincom

għandu jittradini." Tbiccmu. G. Cristu, biex ma jarahomx ecch, uriehom min chellu jittradiħ; u Giuda chellu ir-ruħ jistaksiħ jecb edaca chienx hu jeuilla! G. Cristu imbagħad ħa f' ideiħ il ħobż, biercu, u beda ikassàm fost l' Apostli; jatihom u igħeid: "Dana hua il gisem tighi." Ha f'idu imbagħad il calici tal imbit; tahom jixorbu, u kalilom: "Dana hua id-demm tighi, ill' icun imxerred, biex jinhafru dnubiet il bnedmin." Uara ic-Cena G. Cristu tchellem mal Apostli fuk bosta ħueijeġ sbiħ; għamlilom uisk tuissièt, u fl' aħħar kalilom: "Issa jena seijer inħallicom." S. Pietru staksieħ fein chien seijer "il għaliex jena—kallu—ma 'nħallich katt, sa 'l meut." "Sa il meut?—kallu G. Cristu—kabel ma jidden is-serduk il-leila, tliet darbiet inti tiċħadni. S. Pietru uiegeb illi dana ma jistax icùn katt.

G. Cristu ħareġ min fei chienet ic-Cena, u gibet lein il muntagna taż-Zebbuġ bl' Apostli migħu; ried imma illi dauna jibkgħu

fil Getsemani ( lòc, fein miżruħ u fein le, kabel tilħak iż-żebbuġ ), u ħa migħu biss lil S. Pietru u lil Apostli aħua, S. Giuann u S. Giacbu. G. Cristu chien tala drabiet oħra jagħmel orazioni fuk il muntagna taż-Zebbuġ, imma dich il-leila ħaka fi gnien ma gembha, illi chienu igħedulu ucoll il gnien, jeu l' ort tal Getsemani. Talab it-tliet Apostli illi jokogħdu jisru u jitolbu. Tuarrab imbagħad ftit minnom, u beda jitlob lil Missieru Alla b'uicciu fl' art. Uara ftìt ragia korob lein it-tliet Apostli, u sabhom rekdìn; kajimhom u cianfarom; "Ma staitux—kalilom—tisru sigħa? isru u jitolbu, biex ma titħlux fit-tigrìb tal għadu." Ragia màr jitlob; u tant kauuia, u tant bil ħrara chienet it-talba, li għerek saħansitra il għarak tad-demm. Anġlu niżel mis-smeuiet għal feinu, b'calici f'idu. "O Muleija, o Alla Missieri —kàl G. Cristu— la darba dàn il calici jaħtieġ minni jinxorob, jena nixorbu: isir edac illi trid int." Ragia màr fein it-tliet maħbubin tigħu, u kalilom: "Is-

sa tistgħu torkdu; is-sigħa tigħi uaslet: uaslet illi jena għandi naka f' idein il midimbìn, egħdeuua tigħi."

Ma chienx għàdu temmha G. Cristu dich l' aħħar chelma, xħìn Giuda iffaccia binnies migħu. F'idehom siùf, lanez, bsaten, suiegħel, u banièt iħaġ'giu. Dauna uakfu, imma Giuda baka seijer fuk G. Cristu u biesu. "Habib—kàllu Cristu— x' giebech aun? tittradin' int immela bil beusa li bistni?" Resak imbagħad Gesù lein in-nies u kalilhom: "Intom lil min keghdin tficciu?" kalulu: "Lil Gesù Nazzarenu." Jena hu"—uegibom— u f' 'di' 'l chelma uakgħu uaranièt fl' art. "La tibżgħu xein—ragia kalilom G Cristu—jena f' ideicom: staitu ìmma geitu ħattuni min geuua it-Tempiu, fein culjum contu tarauni, u ma tigiux hech fuki, bħalli chiecu mortu fuk ħalliel." Uara daun il chelmiet irteħa f'ideihom; talabom biss illi ma imissux lid-dixxipli tigħu. Ma żamx S. Pietru; silet seif, kàs dakka fuk uieħed minnom, Malcu, u taijarlu uidna

barra. Ma għoġbitx din il ħagia lil G. Cristu; rafa il uidna mill art, u ragia kegħida sħiħa mnein taret. Kàl imbagħàd lil S. Pietru: "Daħħal seifech f'għantech, għax billi tàti, tieħu: li chiecu Missieri Alla ried jiddefendini, chien jaf jibgħad anġli bis-siuf min geuua is-Sema."

In-nies ta Giuda rabtu lil G. Cristu, ħaduħ għand Anna, żeuġ bint Kaifàs, illi dich is-sena chien il cáp tal kassisin; imma Anna bagħtu għand ħatnu, il kassis il cbir nett. S. Pietru gibet għal uraihom, u daħal fil bitħa ta Kaifàs mal bkìa. Kalitlu seftura: "Int m' entix ucoll mil ħbieb ta dar-ragel li giebu?" Le—kalla—xbint, le, m'eniex; ma nafùx."

Kaifàs saksa lil G. Cristu fuk id-dixxipli u fuk it-tagħlim tigħu. Cristu kallu: "Jena deijem tħaddilt f' uicc id-digna u kuddiem culħatt; jena deijem għallimt geuua is-sinagoghi u geuua it-tempiu, u katt ma għet xein bil moħbi. Staksi lil dauc collha li semgħuni, u ara xi għedulech." F' di' 'l chel-

ma uieħed sbirr taħ dakka ta ħarta u kallu: "Hecch tirrispondi lil acbar fost il kassinin tagħna?" Cristu kallu: "X'għett jena, li m'ux seuua? u jech jena għett is-seuua, das-suat għaliex?" Giebu imbagħad xi xieda foloż, u uara li Kaifàs sama il cliem b'iħor taħħom, bagħad lil G. Cristu għand Ponziu Pilatu.

Nerġgħu ftit għal S. Pietru. Dana chien baka fil bitħa, resak jisħon lein in-nar, għax billi chienet ix-xitua, chienu kabbdu. Xi ħattieħor ragiagħlu: "Int ucoll..... ucoll min dauc..... ma tidirx mil Isienech?" S. Pietru ciaħad it-tieni darba. Giè imbagħad fuku cugìn ta Malcu: "u chìf—kallu—chìf m'entix int ucoll ma dana Gesù? jena ma raitechx b'għaineija migħu fil ġnien ta taħt iż-Zebbuġ?" Ma S Pietru ragia: Le, le, le... Is-serduc, auna, fakkaħħa. Uara dina l'aħħar ciaħda, giè fiha S. Pietru x'chien għamel; ħareġ mil bitħa, u beda jibchi, jibchi, jibchi, li sa fl'aħħar beca id-demm.

Kabel nerġgħu nsemmu lil G. Cristu,

ngħeidu chelma fuk Giuda. Uara li dàn il vìli chien kabat il flùs tat-tradiment, iddispra; màr għand dauc li chienu tauhomlu, sabbatomlom f' uicciom, u gera dlonc jitgħallak.

Mela—chif conna ngħeidu—min għand Kaifàs, fein chienu makdruħ, għairuħ, sautuħ, ħàdu lil G. Cristu għand Pilatu. Il palazz ta dàna chien ucoll il korti; isfel chien emm il calzrièt, u fil btieħi tigħu jàtu issuat u turmenti oħra. Pilatu saksa xi ħueijeġ lil G. Cristu, u fost l'oħrain kallu: "Inti mela Sultan tal Lhud?" G. Cristu kallu: "Iva; imma is-saltna tigħi ma tixbaħx lissaltnat tad-digna." Pilatu ħareġ fil gallaria tal palazz, u kàl lil migimgħa ( egħdeuua ta Cristu ): "Jena ma 'nsìb ebda ħtìa f'dar-ragel" Bdeu igħaitu u igħeidu: "Li ma chienx ragel ħażin, ma conniex ingibuhulech kuddiemech. Dàna irid ikauuem, ixeuuex bi cliemu il pajisi tagħna Lhùd min tarf sa tarf." Pilatu ragia daħal, u bagħad lil G. Cristu għand Erodi (li dauc il ġranet

chien f'Gerusalemm), għaliex Cristu chien immieled f'belt li chienet taħt Erodi. Pilatu għamel dàna biex ma jonkox lein Erodi, u biex, jech jista, jinkala mil cundanna ta Cristu. Erodi chien ìlu jixtiek jàra lil G. Cristu (m'ux għax chien iħobbu); imma xei ma 'ndaħal; makdar lil Cristu, u ragia bagħtu għand Pilatu b' liżar abiad fùku. Meta reġgħu ħaduħ emm, Pilatu bagħat għal cbaràt tal kassisin, u kalilom: "Intom gibtuli dar-raġel kuddiemi, u għettu contra tigħu ħafna ħueijeg; jena ma 'nsìb li għamel xein milli għettu intom, u lankas Erodi, donnu, ma sàb. Jena xi castigh natiħ, imma imbagħd nitilku. Uara dàna, Pilatu kata li jiflagellauħ, emm fil bitħa tal palaz tigħu. Rabtuħ dlonc ma colonna, u sautuħ għad-demm. Paspru imbagħad curuna bixxeuc u 'l għulliek, kegħduhielu f'rasu. Libbsuħ biccia ħamra, taparsi porpra ta re, u tauħ f' idu kasba, taparsi scettru. Chif G. Cristu chien hecch, Pilatu ragia riedu kuddiemu, u ilfacciaħ lein il migimgħa tal egħ-

deuua. Kalilom: "Taraux, taraux, ir-ragel li gibtuli?.... Ecce Homo.... Ried Pilatu inissel xi ħniena f' kalb l'egħdeuua ta G. Cristu. Il mara tigħu, u la Lhudia lankas Nisrania, chienet imma actarx mara taiba u seuua: "Iftaħ għaineich—kalet lil żeuġha—àf li dana Gesù ma għamel ebda deni; àf illi hu ragel taijeb....." Collox għal xein; Pilatu baża mil egħdeuua ta G. Cristu.

Chien emm usanza f' Gerusalem, illi fil Għìd il poplu jàti grazia lil xi uiehed calzrat. Pilatu gieb tnein kuddiem il pòplu, fil gallaria: lil G.Cristu, u lil uieħed ismu Barabba. (u ara ħa, chellux jitħallat da' l'isem mal ieħor!) Barabba chien kattiel u ħalliel. Pilatu chien jixtiek illi jàtu grazia lil G. Cristu. Mela ħarigiom fil gallaria, ħares l'isfel fuk il migimgħa, u kàl: "Lil min triduni nati 'l grazia? lil Barabba, jeu li Gesù Nazzarenu?" L' egħdeuua uieġbuħ igħaitu: "Grazia lil Barabba. lil Barabba, lil Barabba!.. Salbu lil Gesù, salbu, salbu!"

Pilatu ragia kalilom, darb'oħra, li G.Cristu ma chellu ebda ħtia; imma ma seuiex, u bdeu ucoll igħeidulu: Jech taħfirlu, m'entix ħabib tal imperatur." Telak lil Barabba, u kalilom: "Hsiebcom! jena ma irridx icolli xein fuk spalleija minħabba fil meut ta darragel: jena, kuddiemcom il coll, naħsel ideija." Ma f' di' 'l chelma reħa lil G. Cristu f' ideihom.

Inħarsu ftit seuua fuk din il ħasla ta idein Pilatu. Beda hua biex igħeid, u baka igħeid, illi G. Cristu ma chellu ebda ħtìa: mela għaliex iccundannaħ għas-suat fil colonna? chien kàl ucoll, illi, uara dan il castigh, chellu jerħiħ, jibagħtu: mela għax giebu kuddiem l'egħdeuua ma Barabba? chien jaf chemm chellom għal G. Cristu; chien jaf chemm chienu ilom jixtieku jekirduħ mid-digna: u chif sata immela jittama katt illi chienu seirin jatu grazia lìlu? Għal edaun ir-ragiuniet aħna niccundannau lil Pilatu pħala mħallef; niccundannauħ ucoll pħala gvernatur ruman. Tasseuua li 'l kassisin tal Lhùd chie-

nu jistgħu uisk fuk il pòplu, u chienu, drabiet, ixeuxuħ contra ir-Rumani; tasseuua ucoll illi Pilatu chellu mn' Erodi, re lhùdi, xeuca cbira; m'ux imma għaldaksech chien imissu katt jibża, u ma jagħmilx il ħakk; għax, fl'aħħar nett, x'chienu il Lhùd ħdein ir-Rumani? ħuttàf ħdein l' aicli. Suldat ruman, b' għasluġ f' idu, chien igerri kuddiemu ħamsin leħia; u suldati chellu biżżeijed taħt ideiħ Ponziu Pilatu. Targia u tgħeid l'imperatur ta Ruma (dac iż-żmien Tiberio Cesare) għadilli ma chien xei ragel taijeb u la ma niesu u la ma ħbiebu, ma chienx irid illi il gvernaturi tigħu, ta barra mill Italia, jagħmlu ħlief il ħakk u is-seuua mal pòpli barranin. Ma chellux immela Pilatu jibża minxein, la mil kassisin Lhùd la min Erodi, la min-nies il ħżienn tal pòplu; imma hu chien ragel beżżiegħi, ragel bla ħila, u minnli b' ir-rispetti, lein min ma chienx imissu ucoll. Gvernatur, imħallef, u culmin għandu xi jedd f'ideiħ, għandu isòfri, għalb żonn, saħansitra il meut, kabel ma jagħmel ħagia

li ma tcunx ħakk u seuua. Ponziu Pilatu iccundanna, bla ħtia, lil G Cristu; uid-digna ticcundanna lil Pilatu sa chem jibkgħu jiddu fuka ix-xemx u 'l kamar.

Min għand immela dana Pilatu, l' egħdeuua għabbeu lil G. Cristu b' salib cbir, u mexxeuħ għal muntagna tal Calvariu. Beżghu, uara biccia, il misħutin, li ma jaslilomx ħaj minħabba f'dich it-tagħbia, u għalhech chien għaddei uieħed (ismu Xmùn, mil belt ta Cirene), u giagħluħ iserħu ftit. Uaslu fei chienu igħedulu *Il Golgota*, ill'ifisser *Il Ghokba ta ras il meut.* Fost il poplu li chien uara G. Cristu, bosta nies chienu jibcu minħabba fiħ, imma hu stess beda jiccunsulahom. Meta uaslu fei għedna, riedu jisku lil Gesù ftit imbit u ħall, m' ux sabiex jagħmlulu xi gìd, imma biex ma imutilomx kabel il uakt. G. Cristu ma riedx jixrob. Sammruħ imbagħad fuk is-salìb, ħaffru ħofra, u uakfuħ. Salbuħ ucoll ma gembu żeuġ ħallelin, il uiħed minnom stkàrru, emmen fiħ, nidem u salva ruħu. Meta salbuħ, ragia be-

da it-tagħjir, it-tmakdir: "Inżell min fuk dac is-salib, jech int l'Iben t'Alla! Int, illi salvait lil ħattieħor, salva lilech stess: Int, li.... u min jista jàf chemm kalùluħueijeġ?

Pilatu chien giagħal li fuk is-salìb jinchiteb: *Gesù Nazzarenu, Re tal Lhùd;* ħadu fastidiu u chemm! ġreu għal għandu u kalulu "X' ritt int illi jinchiteb emm? mela billi hu kàl.... "Ħalluni mincom—uiegeb Pilatu—issa dac l' inchiteb jibka." G. Cristu m'ux biss li sofra bis-sabar u 'l ħleuua it-tbatijet u 'l clemiet colla, imma beda ucoll jitlob lil Missieru Alla għal edauca l' egħdeuua tigħu. Lemaħ taħt is-salìb l'Ommu Maria, u lil S. Giuann, apostlu li chien tant iħobb, u kalilom illi, min emm il kuddiem, għandom icunu bħala omm u binha. Min dich inhar S. Giuann ħa l'Omm G. Cristu f'dàru. Uara dàna, G. Cristu talab jixrob, u neululu ftit ħall fi sponża. Uaka fl' agunìa, li diemet min nofs inħar sat-tlieta. Beda it-temp jicciaipar; sħàb isued min collimchien; xi berka, xi ragħda.... dlami-

èt tal biża.... G. Cristu fl'aħħar rafa għaineiħ lein is-sema u kàl: "Edaca collu, li chellu isìr, hua sàr. O Muleija, ħu issa fi ħdanech ir-ruħ tigħi!" u ruħu l'imkaddsa ħarget.

Tregħdet l' art f' edan il uakt; infetħu l' okbra u ħarġiu il meitin; il purtiera tat-l'empiu inkasmet tnein..... Ma min ifisser culma nħass u sar f' uakt il meut ta sìdna G. Cristu?

## X.

**Maria, Omm G. Cristu-Id-difna u 'l kabar tighu-Jirxoxta-In-nisa ta l'Evangeliu L' euuel dehra ta G. Cristu-It-tieni dehra u cliem tighu lil Apostli-S. Tumàs-L'ahhar dehra u tahdita ta G. Cristu-It-telgha tighu fis-sema-Li Spiritu Santu fuk l' Apostli.**

Nibdeu dina l'aħħar taksìma billi 'ngibu kuddiem għaineina lil Maria Vergini, l'imkaddsa Omm is-Salvatur tad-digna G. Cristu, illi raina ibàti u imut għalina, sabiex jirbaħna mil jasar tal għadu tagħna, u jiftħilna darba għal deijem buieb is-sema. Uara binha Gesù sittna Maria min xħin għabbeuħ bis-salib, migħu sa ma chien imsallab; taħt is-salib sa ma miet.... u min jista katt, min jista ixebbaħ seuua, ikìs, ifisser it-taħbit tal kalb, l'ugiħ, il bichi ta edica l' Omm ħanina? Mìn jaħseb u juri chif imiss u biżżeijed l'imrar, in-nichet, li geuua

kalbha ħasset u giarbet Omm Gesù? il lfik, it-tnehìd, is-sogħba, f' edauc is-sigħàt tal chefrìa? Mìn katt sata chien isabbarha? ma x' sabar hu li kegħdin ingħeidu aħna? Mìn katt—ingħeidu uisk aħjar—mìn sata katt iżomm ħaija, f' edauc is-sigħat ħorox, lil Maria, ħlief il kauua u 'l ħniena ta Missiera u Binha, ħagia uaħda, Alla uieħed? Oh, jaħasra, jaħasra! chemm chellha tbati dich l' Omm u chemm chellha tinħakar! X'chellha iggiarrab geuua kalbha! x' chellha tàra!.... Sabiex jatuna xi tixbiħa tal ugiħ u in-nichet illi bihom giet maħkura, dauch is-sigħat, Maria, igibuhielna kuddiem għaineina b'seba' siùf geuua sidirha; imma lankas, lankas sebgħin elf seif ma juruna biss mill erbgħa uaħda il ħruxìa tal ugiħ, illi geuua kalba Maria ħasset fil passioni u il meut tal Iben għażis taħħa, sìdna Gesù Cristu.

Il gisem imkaddes ta Gesù, sa uara il meut chien għad fadallu isofri: meijet u collox, tauħ dakka ta lanza taħt kalbu. Ruħu

min fuk is-salìb niżlet fil Limbu; fein colla chienu migmugħin, ibda m'n Adam sa Lazzru il fkaijar, in-nies it-taiba tal Ligi antica, illi meta rauħ, colla ferħanin bdeu iueġġhu l'isem t'Alla, u igħeidu: "Edana hu il Messia; edana li kalu biħ il profeti; edana hu, li fetaħ bieb is-Sema!"

Uisk nies, meta rau il ħueijeġ li saru uakt il meut ta G. Cristu, emmnu li hua chien tasseuua l'Iben t'Alla; u, sogħbenin, bdeu iħabbtu fuk sidirhom. Uieħed għàni, ismu Josef, mil belt t'Arimatea, illi chien, bla ma juri, dixxiplu ta Cristu (għax G. Cristu barra mil l'Apostli, chellu uisk dixxipli oħra, min bid-dieher, u mìn, għal xi biża, bil maħbi) gera dlonc għand P. Pilatu jitlobu li chiecu jatiħ il gisem imkaddes ta Gesù, sabiex jidfnu fein u chif chien jixrak; Pilatu ma kallux le, tahulu. Josef, u xi oħrain taibin pħalu, marru miżżluħ min fuk is-salìb, daurulu migħu liżar nadif, u għal coll daura għamlu ħafna ħueijeg tal fuiħa. Innisa imberchin ta l'Evangeliu chienu il coll

hemm, sofor u imbicchìa, maduar Josef u sħabu, sa chemm saru il ħueijeg collha li għedna.

Sebħet, bìl għainuna t' Alla, il giurnata tal Għìd, u 'l festa saret; saret, m' ux colħatt imma chellu kalbha, minħabba f'illi chien giara leilieta (il gimgħa) lil G. Cristu. Uisk nies taiba bħal Josef, dixxipli bil moħbi, chif ucoll uisk u uisk nisa u Marièt oħra, chienu mnicchtìn u lofkana għalli chien giara. Imma G. Cristu, nhar il Għìd, kàm mil meut għal ħaija, irxoxta, u ħareġ mil kabar, illi l' eghdeuua chienu għalxein dauru bil għases.

L'agħda tal festa, cmieni, il Mariet iltakgħu, u gibdu lein il kabar ta G. Cristu. Chienu xtrau ħafna ħueijeg tal fuiħa, sabiex jidilcu bihom il gisem imkaddes. "Imma mìn—kàlu—min ikanklilna u iuarbilna il blata tal kabar? aħna ma nifilħux" Maria Madalena (kuddiem deijem, u f'coll ħagia, għal G. Cristu) intebħet l'euuel uaħda ill' il blata tal kabar ma chienitx iżied f'lo-

ca, u stagħġbu, m' ux ftìt, il coll. F' dana lemħu fukom tnein min-nies, lebsìn abiad silġ, uicciom collu dia: chienu żeuġ anġli tas-sema. Kàlu dauna lin-nisa: "Il għaliex intom maktugħin u ħosbenin ecch? għaliex tficciu il ħajìn fost il meitìn? Gesù m' nx haun ixied; Gesù kàm min bein l'imuiet: ma chienx igħedilcom hu, illi uara tliet ijem fuk il meut tigħu chellu jirxoxta?" Ftacru il bniet: Iva—kàlu—u telku bilġri għal għand l' Apostli, biex igħedulom culma chienu rau u semgħu dich il għodua. Kaluhulom, imma l' Apostli ma donnomx riedu jemnuhom mill euuel lil Mariet; madana collu, S. Pietru telak malair lein il kabar. Uasal, ittauual għal geuua fiħ, ra, imma x'ra? liżar mixħut f'rocna, xein iżied. Baka mgħaggeb.

Mela l' Apostlu Xmùn, u uieħed ismu Clefa, chienu seirin, dich inhar stess, lein Emaus, belt żgħira, xi seba' timiel u nofs min Gerusalemm. Giè fukom, ħin bla uakt, uieħed (ma għarfuħ xein) u kabat ji-

mxi u jitħaddet maħħom. "Il għaliex—kalilom—kalbcom seuda? u fuk ex intom kegħdin titħattu?" Kabes uieħed minnom u kallu: Int uaħdech, donnoc, ma tafx li giara f' Gerusalemm da' 'l ġranet. Aħna kegħdìn nitħattu u mgħollijìn fuk il meut ta Gesù Nazzarenu. Conna ittamaina li hu chien il Messia, il Cristu. Xi nisa geu da' il għodu kalulna fuku ħueijeġ tal egħgiubièt: kalulna li marru cmieni cmieni lein il kabar tigħu, li sabu dana miftuħ, u li 'l gisem ma chienx iżjed emm. Kalulna ucoll li rau xi anġli, illi kalulom: Gesù Cristu kàm u ħaj. Xi ħatt min tagħna teļak dlonc għal fein il kabar, u sàb ill' in-nisa chienu kalu is-seuua." G. Cristu (għax hua chien) tchellem maħħom hecch: "O nies ta bla għakal, la ma temmnux mill euuel f' edac ill' icunu kalulcom il profeti. Ma contùx tafu ill' il Cristu chellu ibàti culma bàta, u hecch imbaġħad jidħoll fis-saltna tigħu?" U haun għaddilhom uieħed uieħed il profefeti, illi chienu tchelmu minnu, u milli chien

chellu igħaddi għaliħ. Dauc stagħġbu b' għerfu. Meta uaslu f'Emaus, G. Cristu ried jibka seijer; imma uma kalulu: "Ix-xemx għodda għabet; ibka magħna, u għaddi fei nidħlu aħna." Hecch għamel. Hàdu jeclu xi ħagia; Cristu ħa f' ideiħ il ħobż, kasmu, u beda jatihom. Uma bdeu iħarsu leiħ, iħarsu, iħarsu..... għarfuħ; malli dàna, ma rauħx iżied kuddiemom. Halleu l'ichel, u reġgħu giria uaħda lein Gerusalemm, biex igħeidu dlonc lil Apostli l'oħra. Kalulhom: stagħġbu, ferħu bla tarf il coll; u chienu għadom f' edan it-titjir tal ferħ, meta G. Cristu ragia deher fostom. Kalilom edana: "Il paci magħcom deijem!" Iżda huma beżgħu, tregħdu; ħasbu li kegħdin jarau xi ruħ. Kalilom—meta ra hecch—G. Cristu: "Ilgħaliex intom beżgħanin? x' intom ittellgħu u tnizżlu mal ħsebièt ta rascom? Arauli ideija, arauli riġleija: Jena hu, Jena hu!" imma l' Apostli, bein il ferħ u bein il għaġba, ureu illi għad m' umiex jemmnu bizżżeijed il coll, illi chien tas-seuua hu bir-

ruħ u 'l gisem; u għaldakshech ragia kalilom G. Cristu: "Għandcom hau xi ħagia ta l'ichel?" Kalulu: "għandna xi ħùta mixuija u xi ftit għasel." Gebulu, u hu beda jecol kuddiemom. Kalilom imbagħad. "Jena cont ingħedilcom illi minni chellu isìr colma jinsàb mictùb fil Ligi ta Mosè u fil cotba tal profeti. Kàlu edauna ill' il Cristu chellu ibati li bàta; chellu imùt,,u li uara tliet ijem ikùm min bein l'imuiet. Kàlu edauc ucoll, illi fl' isem tal Cristu, il Messia, chellom icunu maħfurin, uara l' indiema, iddnubiet ta culħatt. Issa intom tistgħu tixdu lid-digna, għax raitu b'għaineicom, edaun il ħueijeġ collha. Ibkgħu, għalissa fil belt ta Gerusalemm; ibkgħu fiha sachemm jena incun bgħattilcom min geuua is-sema il kauua tigħi: li Spiritu Santu." Kàl imbagħad G. Cristu lil S. Pietru: "O Pietru, tħobbni int?" Uiegeb edana: "O chemm inħobboc, Muleja!" "Taijeb—kallu G. Cristu—irgħa mela il ħrief u irgħa in-ngħaġ tigħi·" Hallihom G. Cristu uara da' 'l cliem.

L' Apostlu S. Tumas ma chienx emm mal oħrain f'edin id-dehra ta G. Cristu; u chif giè, kalulu ferħanin: "Rainiħ, rainiħ, lil Gesù! Da' 'l uakt chien magħna." "Jista icun—uegibom S. Tumas—imma jech jena ma narax u immiss kigħan ideiħ imtakkba bli msiemer, ma narax u immiss fein tauħ id-dakka ta lanza, jena le, ma nemminx."

Għaddeu tmien tijem. L' Apostli reġgħu chienu miġmugħin flimchien, u G. Cristu ragia deher. Màr fuk S. Tumas u kallu: "Ara u miss!..... Int, immela, sabiex temmen, għandech bżonn tara b' għaineich u tmiss b'ideich? Beati dauc illi jemmnu bla ma icunu rau." Ragia imbagħad dauuar uicciu fuk l'Apostli u kalilom: "Intom issa heijeu iruieħcom biex tmorru ixxandru mad-digna dauc il ħueijeg collha illi smaitu min fommi; atu lil colħatt it-tuissiet li agħmiltilcom jena, collha chemm uma. Colmin jemmen u jitgħammed, jirbaħ ruħu; colmìn ma jemminx, jitlifa. Jena naticom li tagħmlu sa l'egħgiubiet u 'l miracli, sabiex id-digna ta-

ra u temmen ill' il chelma tagħcom fiha is-saħħa u is-seuua t'Alla. Għamdu lin-nies fl' isem tal Missier, tal Iben, u ta li Spiritu Santu." F' edina l' aħħar chelma G. Cristu rafa għaineiħ lein is-sema; riġleiħ ħalleu l' art, u beda tiela, tiela, tiela, sachem sħaba tiddi għalkitu geuua fiha, u uasslitu sa bieb is-sema, fein daħal fost il cori tal anġli collha, u màr jokgħod fil lemìn ta missieru Alla.

It-telgħa ta G. Cristu fis-sema chienet (chif nafu il coll) erbgħin giurnata fuk li chien irxoxta mil meut. Għaxar tijem uara, l' Apostli, dixxipli oħra, u fostom Omm G. Cristu, l'imkaddsa Maria, chienu miġmugħin f'sala cbira, jitchelmu fuk il ġmiel tal Ligi Nisrania. Għamlu ucoll beinietom Apostlu ġdid, sabiex jerġgħu isiru tnax, chif chien ried li Mgħallem taħħom G. Cristu. Min flòc il misħùt li tgħallàk, għamlu lil Mattia, ragel ta coll tieba. Uara dàna, semgħu ħoss cbìr, u għaddiet żiffa riħ kauuìa; ma dan ir-riħ rau ħafna ilsna tan-nar,

u fuk coll uieħed minnom uakaf ilsien. Dan-Nàr imkaddes chien li Spiritu Santu, ħagia, li fiha il Cnisia mkaddsa tagħna tfaccarna fil *Pentecoste*, Għìd il ħamsìn. Meta li Spiritu Santu niżel fuk l'Apostli, danna ħasseu iruieħom dlonc mimlìa b'coll gìd tar-ruħ, u tal moħħ: bil kdusìa, bid-deħen, bil għerf collu chemm hu, illi jinħtieg u jitfaħħar fid-digna mil bnedmin. Chif giara dàna, l'Apostli imberchin tkassmu, telku u marru ixandru mad-digna edac it-tagħlìm sabiħ collu illi lilom chien għallem f'ħaitu sìdna Gesù Cristu.

Aħna, hau, ma'ngħedux iżied. Ftit għedna, tasseuua; imma bżonn ma hemx ta cliem uisk għal Ligi ta G. Cristu, ta l'opri taiba hemm bżonn. Il-Ligi tigħu nafuha; inkìsu biss illi inżommuha deijem kuddiem għaineina u nagħmlu edac collu'li tgħedilna. U chiecu imbagħad ridna u connu nàfu 'ngħeidu iżied u uisk, xi staina katt għedna fuk Sìdna G. Cristu, li chien icùn biżżeijed? U għaldaksecch, aħna nagħalku dan id-da-

kxein ta ctieb tagħna bil chelmiet, sbiħ uisk, illi bihom il Maħbub ta G. Cristu, l'Apostlu Evangelista S. Giuann, jagħlak l' Evangeliu mkaddes tigħu.

“Li chiecu—igħeid dac il kaddìs—li chiecu ingiabru chienu edauc il ħueijeġ collha, illi għamel, kàl, għallem, G. Cristu fid-digna; u li dauc il ħueijeġ collha chienu irtefġħu mictuba fil cotba: ma chenitx, chiecu, tesaħħom, le, dauc il cotba, id-digna collha.”

# CHELMTEIN OĦRA

Chìf xi chelmtein aħna għedna kabel ma bdeina il ctieb fuk il ħaija imkaddsa ta sìdna G. Cristu; jaħtegilna ngħeidu ucoll chelmtein oħra, issa, li, għal ħniena t'Alla, spiccianiħ. Aħna għandna it-tama collha, illi ma ctibniex għalxein, u l' il ftìt li għedna icun jisua għal gìd leuuel tar-ruħ, imbagħad tal gisem. Ridna żgħìr il ctieb, sabiex icun jista jimbieħ mill irħas, u hecch icun jista jiġri ucoll fost il fokra. Ctibnieħ għal edauca fost il pòplu, ill'iħobbu jakrau bil malti, u ma jifmux, jeuilla, biżżeijed bi lsien ieħor. Għaldaksecch, immela, edauc il Maltin collha, illi jafu jakrau u jifmu b' ilsna oħra barra mil malti, ma għandomx xein għaliex iħarsu lein daun l'erba' facciati ta ctieb, ladarba jtstgħu isibu chemm

jogħġiobom x'jakrau b'lingui oħra (ħueijeg isbaħ u itual) fuk il ħaija imbierca ta Gesù Cristu.

Ma hemx illùm, tista tgħeid, famiglia fost il pòplu, illi ma issibiliex tnein tlieta li jakrau bil malti; u għalecch nitolbu bil kalb l'ommiet u 'l misseriet, illi jatu dan il ctieb f'idein uliedom, sabiex edauna mal gost li jeħdu jakrau bil malti (għax nafu li jeħdu), jitgħalmu ucoll sa miż-żogħor it-tieba illi G. Cristu ièd fin-nisrani. Għandom igiagħluhom ucoll, drabiet, jakrau kuddiemom, u bil għakal taħħom juru aħjar u ifissru colfein it-tfàl ma jistgħux jilħku. Inuissu, haun, l' ommiet u 'l misseriet, illi chemm jistgħu ma iħallux f'idein uliedom xi carti bil malti ħżiena, jeu (jech mux ħżiena nett) carti mimlia bil frugħat, li xein ma igħalmu sħiħ u taijeb, la għar-ruħ l'ankas għal gisem. Cotba bil malti, seuua fuk ir-religion imkaddsa tagħna, seuua fuk ħueijeg oħra, taibin ucoll, jinsabu illùm, u ma jimbegħux bil għàli. Min aù u ftit iħor nis-

tampau, 'ch Alla irid, għal pòplu l' *Istoria ta Malta;* u xi ħbieb tagħna kegħdin ucoll jictbu bil malti ħueijeġ taiba.

Nitolbu ucoll lill ommiet u 'l misseriet, illi ma iħallux katt l'uliedom bla scola, u li għal dana jekfulom kauui, li ma iħalluhomx jisdingau, li jagħmlu id-dmir taħħom collu, mux jibagħtuhom li scola biex jeħilsu bis minnom, chif jagħmlu x'uħud. It-tfàl għal iscola; u għarucasa cbira li uieħed ma jibgħatx l' uliedu, u li ma jekfilomx seuua fuk di' 'l ħagia. L'ischeijel, igħeidu il għurrief, jatu daul lil moħħ, u jixtu fil kalb iż-żerrigħa ta coll tieba. Issa mìn fostna ma jixtiekx l' uliedu bid-daul, u biż-żerrigħa taiba geuua klubom? Hemm xi pajisi fl'America, fein il gvern jobliga lil missieriet li jibagħtu l'uliedom li scola bil fors; u f'daun il pajisi, collfein il pulizia mit-tmienia sa nofsinhar u mis-sagħtei sa l' erbgħa, issib tifel jitliegħeb u jiggerra mat-torok, tieħdu calzrat, u iżżommu sa ma imur missieru iseuui 'l biccia. Il gvern tagħna ma jobli-

ganiex sa daksecch; irìd imma li nibaghtu l'uliedna li scola, u ghalhecch fetah scheijel ohra malli chelna, u flùs jintefku ghal dana izied milli dari, ghax fein dari il gvern chellu mighu ghat-taghlim daks erbghin ruh, illum ghandu mia u iżied. Nefka mil caxxa ta Malta, ghax il gvern xein ma jonfok min tighu; imm' ahna ghandna nizżu hair l' Alla, meta il gvern jonfok taijeb u ghal gìd: li jonfok fl' ischeijel hi nefka imbierca. Nistaksu issa: il ghaliex ma ghandniex immela irresku il coll l' uliedna ghal dan il gìd ? ghat-taghlim, illi hu hagia taiba, sabiha, u 'mfahhra fid-digna colla ?... Bniedem irid icun uisk ibleh u aghama, sabiex imakdar it-taghlìm, u itellef dan il gid l' uliedu.

Fuk il chitba u 'l kari malti imbaghad, ghandna 'nhgeidu ucoll xi hagia. Ma hemx pajis fid-digna, illi fih il pòplu ma jakrax bil lingua tighu: hecch ucoll immela ghandom jaghmlu il maltin. Mux colhatt chellu, jeu ghandu, żmien u biex jitghallem lingui ohra; mux colhatt jista iżomm l' uliedu żmien

tuil fli scheijel sabiex jitgħalmu żeuġ lingui, talian u inglis, illi ma iridux sena u tnein sa chemm lt-tfal icunu jafuhom, billi xei ma għandom x'jaksmu dauc il-lingui ma tagħna, il maltia. U għaldaksecch, ħagia taiba, u taiba uisk rainiha deijem, ill' il kari bil malti giè 'mdaħħal fli scheijel tal gvern. Din chienet ħagia magħmula bil għakal u seuua. Mnein giè l'illùm it-tfàl tan-nies tas-snaja (bniet u subien), u 'l uisk mit-tfàl ta rħula (bniet l'iżied) jakraulech, tista tgħeid, colla bil malti? ificciulech dlonc *It Triek tal Genna*, *In-Nisrani geuua il Cnisia*, *Il haija tal kaddisin*, u cotba oħra? imnein dàna, ħlief min meta beda il kari malti fli scheijel tal gvern?

Il kari malti, immela, fli scheijel tal gvern chien giJ għal daca li hu tagħlim tal pòplu; u 'l gvern ma jistax icun li ma jeħux piacir, meta aħna (li m' aħna xein, imma għaineina fuk da' 'l ħueijeġ) ingħedulu illi 'l malti seua uisk fli scheijel tigħu għat-tagħlim tal pòplu.

Nistkarru li cotba bil malti, taibin għal

pòplu, għad ma għandniex biżżeijed; imma icolna bla ma 'ndumu; u sa sentein oħra, ch Alla irid, il pòplu icollu x'jakra ħueijeg (li igħeidu għaliħ) bil malti, daks chemm icun jinħtieġ u xierak. Nafu li haun x' uħùd, illi imakdru il cotba bil malti (għaliex uma, jeuilla, jafu bit-talian u bl' inglis), pħalli chiecu il malti jinchiteb għalihom! Culmin imakdar il cotba maltin, li jixterdu għal pòplu, juri nukkàs tal għakal; u mux da' biss, imma juri ucoll nukkàs tal imħabba lein il pòplu.

N. N.